NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MEJJU – DIĊEMBRU 2013 Nru 187

## IMĦABBRA FESTI SPEĊJALI FIL-175 ANNIVERSARJU TA' L-ISTATWA TITULARI



**Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa Titulari ta' San Ġorġ intemmu b'mod differenti din is-sena, hekk kif wara l-Barka Ewkaristika ta' tmiem il-Purċissjoni, li hi l-aħħar ċelebrazzjoni liturġika tal-programm festiv li laħaq il-qofol tiegħu l-Ħadd 21 ta' Lulju 2013, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona ħabbar uffiċjalment li l-komunità parrokkjali Ġorġjana ħa tibda titħejja għall-Festi Speċjali ċċelebrati matul is-sena 2014 fl-okkażjoni tal-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju ta' l-istatwa titulari, minquxa minn Pietru Pawl Azzopardi fl-1839. L-aħbar ta' ferħ intlaqgħet b'applaws qawwi mill-kongregazzjoni miġbura fil-Bażilika.**

**Għalkemm ma tax aktar dettalji, l-Arċipriet semma li sa mill-bidu tas-sena 2014 il-Bażilika ħa tkun qed tieħu serje ta' inizjattivi biex nitħejjew spiritwalment għal dan l-anniversarju sinifikanti. Dawn jilħqu l-qofol tagħhom f'April u f'Lulju, b'ċelebrazzjonijiet kbar li jitħabbru 'l quddiem.**

**In-Novena tal-Festa din is-sena tmexxiet mill-Kan. Tonio Galea, waqt li t-Tridu Solenni sar b'ħila kbira minn Dun Roberto Gauci, Ċerimonier ta' l-Isqof.**

## Madre Margerita De Brincat: pass eqreb lejn il-Beatifikazzjoni




Nhar it-Tnejn 15 ta' April 2014, Mons. Ġużeppi Gauci, saċerdot mill-Parroċċa tagħna li ħadem tant u qed isewgi mill-qrib il-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat, fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, irċieva b'email aħbar sabiħa ħafna.

Din intbagħet is-Sibt ta' qabel minn Patri Giovanni Giuseppe Califano OFM, il-Postulatur Ġenerali, lil Swor Vitaliana Zammit FCJ, Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni. Fiha dan jgħarraf lill-Kurja Ġeneralizja tal-Kongregazzjoni Franġiskana tal-Qab ta' Ġesù li d-disa' kardinali miġbura fil-Kongregazzjoni Mqaddsa għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Ruma ħadu deċiżjoni unanima favur il-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla. Dan hu pass importanti ħafna lejn il-Beatifikazzjoni ta' din is-soru qaddisa, mgħammda fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

... jissokta f'paġna 13

## Sistema ġdida ta' l-Awdjo għall-Bażilika

Wara li għaddew il-Festi ta' San Ġorġ, fil-Parroċċa tagħna bdiet ħidma intensiva biex tiġi stallata sistema ġdida ta' awdjo. Id-deċiżjoni ttieħdet wara li kien ilu jinħass li s-sistema tas-*sound* li għall-aħħar erbgħin sena kienet titħaddem fil-Bażilika tagħna kienet saret antikwata u ma għadhiex tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha.

» aqra l-artiklu kollu f'paġna 16



IL-BELT VICTORIA

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Proġetti, restawr u anniversarji

F'din l-edizzjoni għandkom issibu diversi paġni u ritratti ddedikati lil għadd sabiħ ta' proġetti li saru fil-Parroċċa tagħna matul is-sena 2013. Dan sar biex il-parruċċani u dawk kollha li jżuru l-Bażilika tagħna jkunu moqdija bl-aħjar mod possibbli. Fuq quddiem nett fil-lista hemm l-istallazzjoni ta' sistema ġdida ta' l-awdjo, proġett li kienet ilha żmien tinħass il-ħtieġa għalih u fl-aħħar wasalna! B'hekk issa għandna sistema moderna, mgħammra bl-aħħar teknoloġija, li taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-lum. Proġetti oħra iżgħar, bħal dawk tal-ġeneratur ta' l-elettriku, ir-rampa għall-persuni b'diżabbiltà, ir-restawr tal-gwarniċ tal-ventaltar tal-festa, u oħrajn jixhdu għal komunità parrokkjali attiva u lesta li taddatta ruħha għaż-żminijiet attwali. Jibqa' b'saħħtu l-appell għal aktar għajnuna u sapport finanzjaru min-naħa tal-pubbliku.

Is-sena 2014 hi waħda speċjali għall-Parroċċa Ġorġjana minħabba l-festi kbar u speċjali fl-okkażjoni tal-mija u ħamsa u sebgħin sena mill-miġja ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ f'Għawdex u fil-belt tagħna. Hu anniversarju li aħna msejħin niċċelebrawh bi mħabba sinċiera lejn il-Patrun tagħna u impenn isħaħ fi ħdan il-komunità parrokkjali li ngħożżu, speċjalment biex inkomplu nikbru fil-fidi u fis-smigħ tal-Kelma. Forsi mhux b'kumbinazzjoni, l-istess sena tfakkar ukoll il-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex, li tgħożż lil San Ġorġ bħala Patrun tagħha. Anki din għall-Parroċċa tagħna hi ġrajja għażiża ta' ferħ, għaliex storikament u attivament hi tħossha fil-qalba, protagonista tal-ġrajjiet tal-Knisja lokali. Mons. Isqof qed jistedinna ngħixu dan l-anniversarju bi stennija ħerqana għall-ewwel Viżta Pastorali tiegħu, i fuqha jkollna ċ-ċans nitkellmu iżjed fit-tul f'ħarġiet oħra.

Dwar dan u iktar qed taqraw f'dan in-numru ta' *Il-Belt Victoria*, li minħabba diversi ċirkustanzi, qed ikopri tmien xhur sħaħ.

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

17/05/2013 **Ellie**, bint George Mercieca u Maria Tabone
25/05/2013 **Limoni**, bint Simone Camilleri u Piotr Armatys
25/05/2013 **George**, bin Janise Xuereb u Manuel Grech
25/05/2013 **Keith**, bin Joseph Vella u Isabelle Cassar
09/06/2013 **Katherine**, bint Carmen Galea u George Ogilvie
16/06/2013 **Andrew**, bin Alison Gatt u Sammy Mercieca
16/06/2013 **Alessia**, bint Marlon Vella u Charmaine Xuereb
16/06/2013 **Thomas**, bin Edel Apap u Mark Rapa
28/06/2013 **Zac**, bin Joseph Tabone u Monique Cassar
07/07/2013 **Chloe**, bint Anthony Mizzi u Jessica Marie Cordina
14/07/2013 **Elena Rose**, bint Mariella Camilleri u Edwin Ciantar
20/07/2013 **Karol Joseph**, bin Christian James Abela u Mariella Gatt
28/07/2013 **Isaac**, bin Josienne Saliba u Mark Mercieca
02/08/2013 **Anthony**, bin Anthony Zammit u Amy Attard
02/08/2013 **Michael**, bin Anthony Zammit u Amy Attard
04/08/2013 **Ilaria**, bint Amabel Vella u Daniel Bugeja
04/08/2013 **Serafine**, bint Peter Pace u Anastasia Ponyatovskaya
22/09/2013 **Julian**, bin Charmaine Cassar u Joseph Cordina
22/09/2013 **Matthias**, bin Roberta Zammit
29/09/2013 **Massimo**, bin Roberta Grech u Karl Joseph Buhagiar
03/11/2013 **Julian**, bin Joanna Mercieca u Simon Mizzi
21/11/2013 **Kingston**, bin Debbie Said
01/12/2013 **Layla**, bint Kevin John Anthony Grech u Alicia Catherine Azzopardi

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

25/05/2013 **Pamela Mizzi u Reuben Leigh Abela**
26/05/2013 **Francesca Borg u Mario Attard**
01/06/2013 **Kevin Farrugia u Angie Said**
22/06/2013 **Roseanne Zammit u Simon Mizzi**
22/06/2013 **Eric Borg u Charlene Galea**
06/07/2013 **Rebecca Buttigieg u Robert Spiteri**
12/07/2013 **Chantelle Sonia Muscat u Frankie Attard**
28/07/2013 **Angela Spiteri u Teddy Farrugia**
03/08/2013 **Louise Grech u Noel Saliba**

*jissokta f'paġna 3...*

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Mons. Anton Borg, Mario Casha, Andrew Formosa
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# Is-Sena tal-Fidi: Mixja kateketika ma' l-Adolexxenti

*Is-Sena tal-Fidi (2)*



Fil-ħarġa li għaddiet, Mons. Anton Borg tana artiklu bi proposti konkreti ta' kif nistgħu naqtgħu l-frott tas-Sena tal-Fidi li bejn l-2012 u l-2013 għexna flimkien bħala Knisja Universali. Il-komunità parrokkjali dejjem tfittex li tiġġedded fil-fidi b'gesti konkreti ta' katekeżi, azzjoni liturġika u karità – it-tliet pilastri prinċipali li fuqhom tinbena l-ħajja ta' kull parroċċa.



Nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru 2013, festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu, fil-11.00am, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa li fiha sar il-ftuħ uffiċjali tas-Sena Pastorali l-ġdida u ta l-mandat lill-katekisti u lajċi oħra impenjati fil-Parroċċa responsabbli minn xi grupp ta' formazzjoni. Il-Parroċċa temmen ħafna fil-formazzjoni kontinwata tal-kategoriji kollha fi ħdanha, u għalhekk qed tinsisti fuq proposti konkreti ta' laqgħat regolari ta' riflessjoni u qsim tal-Kelma (bħal-*Lectio Divina*), u ta' katekeżi pre- kif ukoll post-sagramentali tat-tfal, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ, il-koppji li qed jitħejjew għaż-żwieġ jew ġa miżżewġa, u oħrajn.

Kull binja tibda mill-pedamenti, u għalhekk il-Kumitat tal-Katekeżi mat-Tfal u l-Adolexxenti kompla jikkonsolida l-pjan ta' ħidma għal mixja kateketika iktar solida. Kif nafu, il-kandidati tal-Preċett u l-Griżma, kull ġimgħa, barra għal żewġ laqgħat fiċ-ċentri tad-duttrina, huma obbligati jattendu għat-tielet waħda fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fil-każ ta' l-istudenti tal-Konfirmazzjoni, din is-sena saret bidla fil-format u l-kontenut tal-laqgħat. Inħadem programm ta' suġġetti varji li għandhom jinteressaw iżjed lill-istudenti u jgħinuhom jirriflettu fuq temi importanti tal-fidi tagħna. L-ewwel parti tal-laqgħa tikkonsisti f'kontenut ta' katekeżi, u ssir għall-grupp kollu flimkien fis-Sala *Mons. Emanuel Mercieca.* Imbagħad l-aħħar għaxar minuti jkunu mument ta' talb, fejn it-tfal joqogħdu f'ċirku fl-art, bil-qiegħda fuq imħaded u bix-xemgħat mixgħula, u f'dan l-ambjent ta' ġabra u talb jidraw jiffamiljarizzaw ruħhom ma' metodi differenti ta' talb. Kibret ukoll il-familja ta' katekisti biż-żieda ta' Vanessa Azzopardi.

Meta jtemmu l-mixja tagħhom għas-sagrament tal-Konfirmazzjoni, lil dawn l-adolexxenti ssirilhom il-proposta li jissieħbu mal-Grupp ta' l-Adolexxenti tal-Parroċċa, biex hekk ikomplu japprezzaw il-ġmiel tal-fidi kif ukoll l-esperjenza sabiħa ta' Knisja.

**Ritratti**

1 Waqt il-Mandat tal-Katekiżmu fid-29 ta' Settembru 2013.

2 Dun Anton Teuma jmexxi laqgħa għall-għarajjes fis-Sala Parrokkjali.

...jaqbad minn paġna 2

10/08/2013 **Rosa Maria Saliba u Christopher Azzopardi**
24/08/2013 **Olivia Elizabeth Farrugia u Anthony Grech**
31/08/2013 **Rodianne Xerri u Marvic Xerri**
07/09/2013 **Ruth Debrincat u Daniel Jacob Tabone**
13/09/2013 **Patrick Andrew Wynne u Joanne Kathryn Johnston**
14/09/2013 **Dianne Attard u Joseph Bartolo**
22/12/2013 **Mariella Cassar u Alan Cordina**
26/12/2013 **Christopher Camilleri u Josline Portelli**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

21/05/2013 **Bernardo Muscat**
31/05/2013 **George Grech**
01/06/2013 **Francesco Micallef**
10/06/2013 **Rita Saliba**
12/06/2013 **Ġanni Pace**
19/06/2013 **Ġanni Spiteri**
08/07/2013 **Rachaela Mercieca**
12/07/2013 **Swor Andreina (Josephine) Attard** FCJ
24/08/2013 **Ġanni Zammit**
27/08/2013 **Carmena Cini**
05/09/2013 **Carmena Vella**
24/09/2013 **Ġeswalda Sacco**
22/10/2013 **Madalena Attard**
24/10/2013 **Ġanna Saliba**
01/11/2013 **Joseph Caruana**
03/11/2013 **Giovanni Spiteri**
09/11/2013 **Emanuel Camilleri**
14/11/2013 **Emanuel Cefai**
21/12/2013 **Marċell Micallef**
22/12/2013 **Francis Vella**

**DONAZZJONIJIET** | Grazzi mill-qalb lil dawk li wieġbu għall-appell tagħna għal iktar donazzjonijiet b'riżq din ir-rivista: • Mons. Coronato Grima (Victoria) – €10 • George Sacco (Victoria) – €20
*Komplu għinuna, għax neħtieġu ħafna iżjed! Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom (f'ċekk indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) fuq l-indirizz tagħna, inkella wassluhom personalment fl-Uffiċċju Parrokkjali.*

# Jum San Ġorġ għall-ewwel darba btala pubblika fil-Vatikan


L'OSSERVATORE ROMANO

GIORNALE QUOTIDIANO POLITICO RELIGIOSO

Unicuique suum Non praevalebunt

Non vi stancate di essere misericordiosi

Al Regina Caeli la preoccupazione per la situazione in Venezuela e la preghiera per le vittime del terremoto in Cina

Auguri del Papa al presidente della Repubblica italiana

Prime nomine governative a Caracas

L'Italia garantita da Napolitano

Per l'onomastico del Papa

Giorgio il santo testimone di Cristo

NOSTRE INFORMAZIONI

Il-qoxra tal-ħarġa ta' *L'Osservatore Romano* tat-22-23 ta' April 2013.

Għall-ewwel darba fl-istorja, Jum San Ġorġ hu btala pubblika fl-Istat tal-Vatikan. Dan għaliex it-23 ta' April jaħbat ukoll l-onomastiku tal-Papa Franġisku, li l-isem tal-Magħmudija tiegħu hu Jorge Mario. Fil-fatt, il-Kardinal Ġiżwita Arġentin Bergoglio qabel laħaq Papa kien jippreferi li jissejjaħ sempliċement bħala *"Fr Jorge"* (Patri Ġorġ).

Hi tradizzjoni, irregolata mill-Artiklu 50 tar-Regolamenti Ġenerali tal-Kurja Rumana, li kemm il-jum ta' l-elezzjoni tal-Papa (f'dan il-każ it-23 ta' Marzu) u kemm il-festa ta' ismu jiġu ddikjarati btajjel pubbliċi għal kull min jaħdem fil-Vatikan.

Bergoglio ċċelebra l-ewwel festa ta' ismu bħala Papa b'Quddiesa mal-kardinali fil-Kappella Pawlina, fejn id-Dekan tal-Kulleġġ Kardinalizju għamillu l-awguri f'isimhom kollha. Iktar tard fl-istess ġurnata, Franġisku ċempel lill-Papa Emeritu Benedittu XVI f'Castel Gandolfo, biex jara kif inhu u jgħaddi l-awguri tiegħu lil ħuh, Mons. Georg Ratzinger, li inzerta Ruma għal għeluq it-tmienja u sittin sena ta' ħuh ġimgħa qabel

Anki l-Prefett il-ġdid tad-Dar tal-Papa u eks-segretarju ta' Benedittu, Mons. Georg Ganswein, iġorr l-istess isem tal-qaddis Patrun tagħna. Ma setax jonqos li jkun jum ta' festa fil-Vatikan, fejn hemm ukoll bħala segretarju personali tal-Papa Franġisku s-saċerdot Ġorġjan Mons. Alfred Xuereb.

Il-ħarġa tat-22-23 ta' April 2013 tal-ġurnal uffiċjali tas-Santa Sede, *L'Osservatore Romano*, tagħtina fuq il-qoxra tagħrifa interessanti dwar "Ġorġ, ix-xhud imqaddes ta' Kristu", flimkien ma' riproduzzjoni ta' minjatura Medjevali rari ħafna tal-famuża *Passio* ta' San Ġorġ, ippreservata fil-Bibljoteka Ċivika ta' Verona fuq manuskritt tas-seklu tlettax. Hawn xi tniżżel bit-Taljan:

*Per l'onomastico del Papa*
GIORGIO, IL SANTO TESTIMONE DI CRISTO

In un episodio della Passio di san Giorgio, un testo greco del V secolo tradotto in diverse lingue orientali e in latino, il giovane dopo aver distribuito i suoi beni ai poveri si dichiara cristiano davanti all'imperatore e ai suoi governatori. Con questa rara miniatura medievale, che sintetizza con efficacia il senso della testimonianza di un santo popolarissimo tanto in oriente quanto in occidente, *L'Osservatore Romano* rivolge secondo la consuetudine gli auguri più cordiali e affettuosi a Papa Francesco per il suo onomastico. Sicuro di esprimere i voti e le preghiere di tantissime persone in tutto il mondo, e proprio mentre ricorre il quarantesimo anniversario della professione religiosa solenne nella Compagnia di Gesù di padre Bergoglio (22 aprile 1973), nella data in cui avvenne quella di Ignazio di Loyola e dei suoi compagni (22 aprile 1542).

Intant, fil-Pontifikal tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ, it-Tlieta 23 ta' April, fis-7.00pm, l-Isqof Grech għamel omelija ħelwa ħafna dwar San Ġorġ bħala "il-maħbub ta' l-Ewkaristija", waqt li fakkar lill-kongregazzjoni li s-sena 2013 taħbat il-mitt anniversarju minn meta ġie ċċelebrat f'Malta l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913.

Fi tmiem il-Pontifikal, Mons. Anton Gauci, Dekan tal-Kapitlu Katidrali, għamel lill-Bażilika donazzjoni ta' karlotta u kwadru tal-Venerabbli Papa Piju XII, li għandu rabta speċjali magħna għax kien hu li fl-1958 għolla l-knisja parrokkjali tagħna għall-ġieħ ta' Bażilika.



# Il-Patrijarka tal-Knisja Kattolika Sirjana ta' Antjokja fostna għall-Festa

Matul il-Ġimgħa tal-Festa ta' San Ġorġ 2013 kellna fostna bħala mistieden speċjali lill-Beatitudni Tiegħu Mor Ignatius Youssef III Younan, Patrijarka tal-Knisja Kattolika Sirjana ta' Antjokja. Hu ħa sehem fil-festi solenni f'ġieħ San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex, billi kkonċelebra ma' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, fil-Pontifikal Solenni tal-Festa nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju fil-għodu, u mexxa wkoll it-Tieni Għasar u l-Purċissjoni Pontifikali fil-għaxija.

Fl-okkażjoni ta' din iż-żjara, fi tmiem il-Pontifikal tal-Festa, Mons. Arċipriet Pawlu Cardona ppreżentalu għotja ta' €1,130 miġbura minn fost il-kongregazzjoni bħala għajnuna lill-Knisja fis-Sirja u l-Lebanon, assedjata minn persekuzzjoni miftuħa kontra l-Insara. Biżżejjed insemmu l-ħtif ta' żewġ isqfijiet aktar kmieni din is-sena, l-għibien ta' tliet saċerdoti, u l-qtil ta' għadd ta' Nsara. L-Arċipriet irrimarka li l-kult ta' San Ġorġ hu punt komuni bejn iż-żewġ Knejjes ta' Għawdex u tas-Sirja, billi dan oriġina propju mill-artijiet tal-Palestina u s-Sirja. Iktar kmieni fil-ġimgħa l-Patrijarka kellu intervista ma' Francesco Pio Attard fuq *Leħen il-Belt Victoria*, ir-Radju tal-Parroċċa, fejn sejjaħ lis-Sirja "Knisja tal-martri".

Il-Patrijarka ltaqa' wkoll mal-President ta' Malta, Dr George Abela, li kien preżenti għall-Pontifikal tal-Ħadd fil-għodu. Billi din hi l-aħħar sena ta' Dr Abela fil-Presidenza, Mons. Cardona ppreżentalu kopja ċkejkna tal-kwadru titulari tal-Preti u rringrazzjah li spiss onorana



bil-preżenza tiegħu għall-Festa. F'messaġġ qasir, Dr Abela żgura lil dawk preżenti li din żgur ma kinitx se tkun l-aħħar żjara tiegħu lill-Bażilika.

Ephrem Joseph Younan twieled is-Sirja fl-1944. Ilu saċerdot mill-1971, u ġie kkonsagrat Isqof f'Jannar 1996. Fl-20 ta' Jannar 2009 hu ġie elett Primat u Patrijarka tal-Knisja Kattolika Sirjana u Isqof ta' Bejrut fil-Lebanon.

Fil-jiem ta' wara l-Festa, il-Beatitudni Tiegħu għoġbu jibgħat dan il-messaġġ ta' ħajr u gratitudni lill-Arċipriet u l-komunità parrokkjali tagħna, li qed nippubblikaw bl-Ingliż kif waslilna:

**Dear Mgr Paul Cardona, Archpriest and Pastor,**
**Beloved Priests, religious women and men,**
**and all faithful at Saint George's Parish in Gozo, Malta**



*"El Muley Maakon!".*

It is with sweet souvenirs that I recall my visit last July to Gozo. I had the privilege to participate with you at the solemn feast of Saint George, the Patron of your church, and one of the most admired martyrs in Christianity. We sing in our Syriac prayer of the hours: "The martyrs saw Christ laying on the Cross. From His site pierced by the spear, flowed blood and water. They started to encourage each other: 'Let us go and die for our Lord!'.

I have the sweet memory of that Pontifical Divine Liturgy on Sunday, July 21, presided by His Excellency Mgr Mario Grech, head of the local Church of Gozo. I had the opportunity that morning to concelebrate with you in the presence of several Church leaders and civilian authorities, with his Excellency the President of Republic representing the Maltese Government. I thank my dear friend the Archpriest Paul for giving me the opportunity to address the assembly at the conclusion of that brilliant Liturgy, sharing hopes and concerns of the Syrian people, particularly the Christians, as the horrible sectarian war keeps evolving to the worst in my devastated country.

I also recall on that Sunday evening the coronation of your festivities, with the marvelous inspiring popular procession of the relics of Saint George martyr, through the streets of Gozo, and the multitude of happy and pious faithful, hailing their hero martyr with songs and faith acclamations.

One more time I would like to thank all of you for your prayers as well for your solidarity and your donations for the suffering exiled Christians. I beg our Saviour, Prince of Peace, through the intercession of Mary, the Queen of Peace and Saint George, the luminary among all martyrs, to keep the Maltese people well rooted in their Catholic faith, and to grant Peace to Syria, the Middle East and to the whole world.

*Christus vincit!*

**Ignatius Youssef III Younan**
*Patriarch of Antioch and all the East*
*for Syriac Catholics*

# Mons. Ġorġ Agius u s-Sorijiet Karmelitani fil-Belt Victoria

## Mons. Karm Borg

Tnejn u ħamsin sena ilu, ħalla din id-dinja Monsinjur Ġorġ Agius (1872-1962), saċerdot mill-Parroċċa Ġorġjana li, wara snin twal ta' ministeru pastorali fl-Istati Uniti, lura f'art twelidu sar benefattur kbir ta' bosta opri qaddisa, fosthom il-ħidma tas-Sorijiet Karmelitani f'beltna ma' l-anzjani u l-morda. Fil-parroċċa tiegħu stess, Dun Ġorġ baqa' magħruf bħala l-benefattur ta' l-opra ta' l-irħam li bih miksija l-ħitan tal-Bażilika Ġorġjana. Għalhekk jixraqlu tassew il-bust imwaqqaf f'ġieħu fil-Kappella ta' Santa Katarina. **Mons. Karm Borg** hawn jirrakkonta l-ġrajja tad-Dar ta' Santa Tereża fil-Belt Victoria, li tibqa' fl-istorja l-isbaħ monument ta' dan is-saċerdot għaref u qaddis.

L-istorja ta' *St Therese Home*, id-dar tal-anzjani li tinsab fi Triq il-Kastell, ir-Rabat, bdiet eżattament mal-miġja f'Għawdex ta' l-Urna ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù f'Mejju 1961.[1] Irrid ngħid li mhux biss bdiet dak in-nhar, imma bdiet f'rabta ma' dak l-avveniment.

### Santa Tereżina u d-Dar ta' l-Anzjani li ġġib isimha fir-Rabat

Mons. Ġorġ Agius, saċerdot xwejjaħ li kien qed iqarreb id-disgħin sena, minn wara t-twieqi arjużi ta' daru fi Triq il-Kastell, seta' jsegwi xi ħaġa minn dak li kien qed jiġri fit-Tokk (il-lum Pjazza Indipendenza) mal-wasla ta' l-Urna ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù f'dik il-pjazza, qabel ma din iddaħħlet fil-knisja ta' San Ġakbu. Kienet ġrajja reliġjuża li qanqlet lil kulħadd: kbar, żgħażagħ u tfal inqalgħu minn kull rokna tal-gżira u nġabru bl-eluf fil-pjazza ewlenija ta' Għawdex biex hemm jagħtu merħba



1

lill-Qaddisa tal-Ward. Dun Ġorġ, għalkemm twieled u għex f'Għawdex sakemm kellu madwar ħamsa u għoxrin sena, kien qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu barra, l-ewwel fl-Italja fejn kompla l-istudji tiegħu, u mbagħad fl-Amerika fejn għal aktar minn ħamsin sena okkupa diversi karigi u wettaq ħidma pastorali f'diversi parroċċi. Għajr xi ftit nies mir-Rabat, ma kien għadu jaf lil ħadd. U għalhekk, meta ra l-Urna ta' Santa Tereża għaddejja minn ħdejn il-Banca Giuratale akkumpanjata minn erba' sorijiet lebsin kappa bajda, staqsa dawk is-sorijiet min kienu. Xi ħadd qallu li dawk kienu s-Sorijiet Karmelitani ta' Santa Tereżina, li kellhom dar f'Ta' Kerċem. Qalulu li kienu sorijiet foqra, u li xtaqu jibnu kunvent u skola biex ikunu jistgħu jkabbru u jiżviluppaw l-opra tagħhom fid-Djoċesi ta' Għawdex. Meta sema' dan, Dun Ġorġ, li diġà sa minn snin qabel kien ħaseb li jħalli d-dar tar-residenza tiegħu fi Triq il-Kastell lil xi kongregazzjoni reliġjuża f'Għawdex, qatagħha li dawn kellhom ikunu s-sorijiet li f'daru jiżvolġu l-appostolat tagħhom għas-servizz ta' ħutu l-Għawdxin. Ma ħalliex żmien jgħaddi. Tkellem ma' l-Isqof, dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Pace, u meta wrieh il-ħsieb tiegħu, l-Isqof laqa' t-talba ta' Mons. Agius li kien lest jirranġa t-testment tiegħu favur is-Sorijiet Karmelitani ta' Ta' Kerċem...[2] U hekk bdiet l-istorja ta' din id-Dar li eventwalment għaddiet f'idejn il-Karmelitani fit-18 ta' Marzu 1964.[3]

### Mons. Ġorġ Agius: ħjiel bijografiku

Mons. Ġorġ Agius twieled fid-9 ta' Jannar 1872, fil-Belt Victoria, bin Ġużeppi, negozjant magħruf, u Tereża mwielda Cassar. Tgħammed l-għada, 10 ta' Jannar, mill-Vigarju Kurat il-Kanonku Felic Refalo fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[4] Studja fis-Seminarju ta' Għawdex taħt il-Ġiżwiti, u meta kellu tlieta u għoxrin sena, fil-21 ta' Diċembru 1895, ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. Giovanni Maria Camilleri,[5] dak iż-żmien Isqof ta' Għawdex. Wara li qaddes, huwa kompla l-istudji tiegħu f'Ruma fejn kiseb dottorat fit-Teoloġija u fil-Liġi Kanonika. F'Ruma, Dun Ġorġ għamel ħafna ħbieb, fosthom Eugenio Pacelli, dak li aktar 'il quddiem kellu jkun il-Papa Piju XII (1939-1958). Is-snin li għamel Ruma kienu mill-isbaħ ta' ħajtu, u kienet preċiżament il-ħbiberija li żamm ma' xi studenti Amerikani li ħajritu biex ikompli l-missjoni tiegħu fl-Istati Uniti. Hawn mar fis-sena 1902. L-ewwel ħidma tiegħu kienet bħala Kanċillier fid-Djoċesi ta' Lincoln u segretarju ta' l-Isqof Bonaco. Wara, fl-1912, ġie maħtur Kurat ta' Geneva fejn baqa' sas-sena 1927. Minn hawn Dun Ġorġ ġie ttrasferit għal Plattsmouth fejn ħadem bħala Kurat ta' St John's għal madwar tletin sena.[6] Kien hawn li, eżattament fl-1937, ġie mogħti d-dinjità ta' Prelat Domestiku tal-Papa.[7] Matul iż-żmien li qatta' fl-Amerika, Dun Ġorġ iddistingwa ruħu għax-xogħol u l-ħidma qaddisa tiegħu bħala predikatur, konfessur u kittieb. Il-ktieb tiegħu *The Church and Tradition* kisiblu ġieħ kbir, l-aktar fl-Amerika.

Dun Ġorġ kien benefattur kbir tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn bi flusu huwa għamel opri kbar li sal-lum iżejnu din il-Bażilika Kolleġġjata fil-qalba tal-Belt Victoria.[8]

Wara erbgħa u ħamsin sena ta' ħidma bla serħan fl-Amerika, Dun Ġorġ irtira f'Għawdex fid-dar tiegħu fi Triq il-Kastell, ir-Rabat, fejn qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu. Huwa miet ta' disgħin sena nhar l-Erbgħa 7 ta' Marzu 1962.[9]

Fit-testment tiegħu,[10] sewwa sew fir-raba' kodiċill tat-testment tiegħu li jġib id-data tas-17 ta' Ottubru 1961,[11] huwa speċifika liema Sorijiet ried li jokkupaw ir-residenza tiegħu wara li kellhom jiġu nieqsa hu u oħtu Nikolina. Dawn kellhom ikunu s-Sorijiet Karmelitani ta' Ta' Kerċem. Din id-dar, Mons. Agius ħallihielhom bil-kundizzjoni li qatt ma jikruha, ibigħuha, jew jgħadduha lil xi ħadd ieħor. Ħalla wkoll lis-Sorijiet Karmelitani tliet kwarti ta' l-għamara li kellu jkun hemm fid-dar meta din tgħaddi għandhom. Ħallielhom ukoll is-somma ta' Lm200 biex ikunu jistgħu jirranġaw id-dar meta jiġu biex jidħlu fiha. Fuq dan il-legat Dun Ġorġ ħalla lis-Sorijiet Karmelitani l-piż ta' tnax-il Quddiesa li kellhom jitqaddsu b'suffraġju ta' ruħu u skond l-intenzjoni tiegħu.[12]

## Skola tal-ħjata għat-tfajliet

Is-Sorijiet Karmelitani daħlu fid-dar tar-Rabat f'April 1964. Bdew jirranġaw id-dar bil-ftit mezzi li kellhom. Hawn wieħed irid jiftakar li f'dan iż-żmien kien qed jinbena l-kunvent il-ġdid f'Ta' Kerċem, proġett li kellu jiġi inawgurat dik is-sena stess. Flus f'idejhom ma kellhomx, imma s-sorijiet ħabrieka – Sr Venerina Borg u Sr Bernardette Theuma – li daħlu l-ewwel darba f'dik id-dar xejn ma qatgħu qalbhom. Bdew jaħdmu xi xogħol tar-rakkmu. Bdew jagħtu wkoll xi lezzjonijiet privati lil xi tfal mir-Rabat, u ma damux ma fetħu wkoll skola tal-ħjata għat-tfajliet. Id-dar, bil-mod il-mod, bdiet tieħu l-ħajja, u fl-istess waqt is-Sorijiet, mix-xogħol ta' jdejhom, megħjuna wkoll minn xi offerti tal-poplu, bdew jipprovdu għall-bżonnijiet tal-ħajja. Id-dar kienet immexxija mis-Superjura ta' Ta' Kerċem. Hekk baqgħet għal xi snin wara, anki meta fl-1967 saret Superjura tad-Dar f'Ta' Kerċem Sr Letizia Voltattorni.[13]

## L-Arċisqof Gonzi jitlob parti mid-Dar għall-Moviment Ta' Kana

Propju fis-sena 1964, jiġifieri fl-istess sena li fiha daħlu fid-dar tar-Rabat is-sorijiet Karmelitani, il-Moviment Ta' Kana li kien twaqqaf f'Malta madwar tmien snin qabel kien qed ifittex lokal addattat biex jiftaħ ċentru f'Għawdex. L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, li naturalment kien sar jaf li d-dar sinjorili ta' Mons. Agius fil-qalba tar-Rabat kienet waqgħet f'idejn is-Sorijiet Karmelitani, ħaseb li hemm f'dik id-dar il-Moviment Ta' Kana kellu jkun f'post ċentrali biżżejjed biex jista' jibda jagħti s-servizzi tiegħu lill-familji Għawdxin. Mar Għawdex huwa stess flimkien mad-Direttur Dun Charles Vella, u tkellem mas-Sorijiet dwar dan il-proġett. Dar dawra mad-dar u saħħaħ fehemtu li dak kien post maħluq għall-Moviment Ta' Kana f'Għawdex. Talab lis-Sorijiet biex jagħtuh parti minn dik id-dar kbira li sa dak in-nhar ma kienx qed isir użu minnha u li kellha bieb għan-naħa tal-Ħaġġarija. Naturalment is-Sorijiet ħadu ż-żmien tagħhom qabel tawh xi risposta, u wara li ħadu parir, dehrilhom li ma kellhomx jaċċettaw il-proposta ta' Mons. Gonzi.[14]

## Skola oħra fir-Rabat?

Sadanittant is-Sorijiet Karmelitani kienu qed jippjanaw proġett ieħor. Xi familji mir-Rabat xtaqu li s-Sorijiet Karmelitani jiftħu skola għat-tfal żgħar fil-Belt Victoria. Insistew mas-Sorijiet, u huma ma qalux le, bil-kundizzjoni li jkollhom il-permess meħtieġ. Kien hemm saħansitra xi ġenituri li ġabru l-firem u għamlu petizzjoni lill-Isqof Ġużeppi Pace biex huwa jagħti l-permess tiegħu għall-ftuħ ta' din l-iskola. Imma l-Isqof Pace ma kienx ta' l-istess




2



fehma. Fir-Rabat kien hemm diġà żewġ skejjel oħra mmexxija mir-reliġjużi, u deherlu li ma kienx hemm lok ta' skola oħra hemmhekk. L-iskola baqgħet ma nfetħitx.[15]

### Tmexxija ġdida

Fi Frar 1967 temmet is-superjurat tagħha Sr Domitilla Cassar, u f'Marzu bdiet tmexxi lill-Karmelitani f'Għawdex Sr Letizia Voltattorni, soru Taljana minn Civitavecchia. L-istess bħas-Superjura ta' qabilha hija kellha r-responsabbiltà tal-Kunvent f'Ta' Kerċem u tad-Dar tar-Rabat li għalkemm kienet issir fiha xi attività, kienet għadha ma bdietx taqdi dak li finalment kellu jkun l-iskop ewlieni tagħha.

Kien f'dan iż-żmien tal-bidu tas-superjurat ta' Sr Letizia Voltattorni, eżattament fix-xahar ta' Ġunju 1967, li s-Sorijiet Karmelitani aċċettaw li f'darhom stess jieħdu ħsieb waħda anzjana mir-Rabat, Elena Vella, li għal xi snin għexet fil-kunvent f'Ta' Kerċem. Maż-żmien l-anzjani bdew jiżdiedu. Saru tnejn, tlieta... u aktar. Tnejn minn dawn spiċċaw mietu hemm fil-kunvent Ta' Kerċem. Kien hawn li s-Sorijiet bdew iħossu li ma kenitx ħaġa prattika u lanqas xierqa li l-istess post fejn kien hemm skola għat-tfal żgħar iservi bħala residenza għal dawk l-anzjani. Nibtet l-idea li d-dar tar-Rabat tinfetaħ bħala dar għan-nisa xjuħ. U hekk sar. Din id-Dar li issa kellha l-iskop speċifiku tagħha baqgħet xorta waħda titmexxa mill-istess Superjura tal-kunvent Ta' Kerċem sa l-aħħar tas-sena 1977, meta Sr Letizia Voltattorni spiċċat is-superjorat tagħha f'Ta' Kerċem biex inħatret Delegata tal-Madre Ġenerali għaż-żewġ komunitajiet ta' Għawdex.[16]

### Issir Dar awtonoma

Id-Dar tar-Rabat, li issa kienet issemmiet *St Therese Home*, saret awtonoma fis-sena 1977, bl-ewwel superjura propja





5

tagħha tkun Sr Mariannina Barbara. L-ewwel sorijiet li flimkien ma' Sr Mariannina ħadu ħsieb ix-xjuħ fid-Dar tar-Rabat kienu Sr Domitilla Cassar u Sr Vitorina Camilleri. L-għadd ta' xjuħ li fittxew kenn għand il-Karmelitani fir-Rabat beda dejjem jiżdied, u d-Dar bdiet dejjem tkun attrezzata aħjar skond il-bżonnijiet ta' l-anzjani u skond l-esiġenzi taż-żminijiet moderni.

Sa mill-bidu s-sorijiet kienu ħasbu biex ikollhom kappella fid-dar. Inxtraw xi oġġetti l-aktar meħtieġa u oħrajn ingħatawlhom mill-kunvent f'Ta' Kerċem. Beda jkollhom il-Quddiesa ta' spiss. Għal xi snin kien iqaddes għall-anzjani Mons. Dward Bondì Dalli. Imbagħad f'Lulju 1976 beda jqaddsilhom Dun (il-lum Monsinjur) Anton Borg, u aktar 'il quddiem dan l-istess saċerdot inħatar uffiċjalment mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi bħala l-ewwel Kappillan ta' dik il-komunità.

**Benefatturi ta' *St Therese Home***

L-anzjani rikoverati fid-Dar tar-Rabat iħallsu l-miżata ta' kull xahar. Xi wħud ma jonqsux li, biex juru r-rikonoxxenza tagħhom lejn is-Sorijiet, barra din, joffrulhom ukoll xi offerta għall-bżonnijiet tad-Dar. Kien hemm oħrajn li saħansitra ħasbu fihom meta ġew biex jagħmlu t-testment tagħhom.[17] Mid-dħul li jkollhom, is-Sorijiet, minn żmien għal żmien jattrezzaw aħjar id-dar, waqt li joffru lill-anzjani aktar kumdità u fuq kollox kwalità ta' ħajja aħjar. Kien hemm okkażjonijiet meta s-Sorijiet Karmelitani li jmexxu *St Therese Home* sabu wkoll l-għajnuna minn xi għaqdiet filantropiċi. Fost dawn insemmu l-*Maltese-Americans and Friends of Malta* li jinsabu fl-Istati Uniti u fil-Kanada. F'Mejju 1983, is-Sorijiet kienu rċevew minn għand dawn is-somma ta' $300. Aktar 'il quddiem, u f'diversi okkażjonijiet, il-Karmelitani tar-Rabat ingħataw għajnuniet mill-*Community Chest Fund*, kemm b'offerti ta' flus u kemm b'xi oġġetti meħtieġa għad-Dar ta' l-Anzjani.

Maż-żmien saru diversi żidiet fid-dar, bl-aktar waħda importanti tkun bitħa spazjuża li s-Sorijiet irranġaw fuq art mogħtija lilhom mill-Gvern fl-1989, b'kera ta' Lm36 fis-sena.[18] Din il-biċċa art tmiss mal-kunvent, akkwistata fi żmien is-superjurat ta' Sr Venerina Borg (1985-1989), għamlet lil din id-dar aktar kompluta. Minn dak in-nhar lura, kemm is-Sorijiet u kemm l-anzjani kellhom oasi kennija għall-mistrieħ tagħhom fejn xejn xejn jistgħu jgawdu l-arja friska fl-istaġun tas-sajf u ftit xemx fil-granet tax-xitwa meta t-temp jippermetti.

**Restawr ġenerali tad-Dar**

L-akbar biċċa xogħol f'din id-Dar ta' l-Anzjani saret lejn tmiem is-seklu l-ieħor, fi żmien is-Superjura Sr Mariannina Barbara (1995-2001). Kien sar restawr ġenerali tad-Dar. L-anzjani kellhom jittieħdu fid-dar tal-villeġġjatura tas-Sorijiet fix-Xwejni, u hemm baqgħu għal madwar sena u nofs, sakemm id-Dar tar-Rabat kienet lesta. Dak in-nhar, barra li saru sistemi ġodda tad-dawl u l-ilma mad-dar kollha, kien sar ukoll xogħol ta' kostruzzjoni, alterazzjonijiet, u dekorazzjonijiet oħra li għamlu minn *St Therese Home* tal-Karmelitani, ġojjell ta' akkomodazzjoni għall-anzjani Għawdxin fiċ-ċentru ta' beltna. Intefqu somom kbar ta' flus. F'dan il-proġett, is-Sorijiet Karmelitani investew madwar Lm52,000,[19] somma enormi. Imma l-esperjenza ta' madwar tletin sena f'din il-ħidma ma' l-anzjani, lis-Sorijiet Karmelitani għenithom jaraw b'għajnejhom u jmissu b'idejhom ir-riżultati ta' ħidmiethom b'riżq dawk l-aktar dgħajfa, u xi drabi wkoll minsija, fis-soċjetà moderna. Fihom raw lil Kristu jbati; u għalihom kienu lesti jagħtu ħinhom, saħħithom, u kull ma kellhom.

Sa Mejju 2000, minn dan l-ammont ta' Lm52,000 kienu tħallsu Lm48,528.50, li l-parti l-kbira tagħhom tħallsu mill-*Casa Madre*. Is-somma ta' Lm1,200 kienet offruta mill-Għaqda *Friends of the Sick and Elderly* ta' Għawdex, waqt li s-somma ta' Lm500 ingħatat mill-*Community Chest Fund*. Kien hemm ukoll offerti ta' diversi benefatturi.[20]

Fl-ittra tagħha tas-16 ta' Mejju 2000 lis-Sinjura De Marco, *Chairperson* tal-*Community Chest Fund*, Sr Mariannina Barbara, waqt li wriet ix-xewqa tagħha għall-għajnuna biex tkun tista' titħallas is-somma ta' Lm3,263.50 li kien għad trid titħallas fuq ix-xogħol ta' restawr li kien diġà sar, ma naqsitx li tħabbar xi proġetti oħra li kellhom isiru fil-futur.[21] U hawn il-*Community Chest Fund* ikkontribwiet is-somma ta' Lm1,000. B'hekk ittaffa xi ftit il-piż tad-dejn, u fl-istess waqt is-Sorijiet għamlu kuraġġ biex ikomplu fuq proġetti oħra diġà maħsuba.

L-aħħar proġett kbir li sar f'*St Therese Home* fir-Rabat kien l-istallazzjoni tal-lift li sar fi żmien is-Superjura Sr



6

Pawla Brincat (2001-2004). Kien proġett tassew utli, li ċertament kompla jagħmel lil din id-Dar ta' l-Anzjani aktar komda u attrezzata għaż-żminijiet tal-lum.

Minn dan il-ftit li għedna, wieħed jista' jieħu idea ta' kemm xogħol sar. Wieħed jista' jibda jifhem kemm xogħol u sagrifiċċji kellhom jagħmlu s-Sorijiet Karmelitani biex mid-dar imħollija lilhom minn Mons. Agius ħamsin sena ilu, għamlu l-aħjar li setgħu biex tkun ta' servizz għal ħafna familji Għawdxin, u l-aktar għall-anzjani li fiha sabu u għadhom isibu kenn u faraġ fl-aħħar snin ta' ħajjithom.

## Għotja ġeneruża milqugħa bil-ferħ... servizz apprezzat

Is-servizz ġeneruż tas-Sorijiet Karmelitani fil-qasam tal-kura ta' l-anzjani f'Għawdex kien u għadu apprezzat ferm mis-Superjuri tal-Kongregazzjoni tagħhom f'Ruma. Imma mhux biss. L-istess apprezzament intwera f'ċirkustanzi diversi, kemm mill-awtorità ekkleżjastika f'Għawdex, u saħansitra mill-awtoritajiet ċivili. Diversi personalitajiet distinti li jirrappreżentaw lill-Gvern u lill-Knisja f'pajjiżna matul is-snin żaru din ir-residenza ta' l-anzjani, u ma naqsux juru l-apprezzament u l-istima għolja tagħhom lejn is-Sorijiet Karmelitani li, bi mħabba u b'tant dedikazzjoni, iwettqu l-appostolat u l-ħidma karitattiva tagħhom bħala "ministeru mqaddes... fdat f'idejhom mill-Knisja biex jagħmluh f'isimha".[22]

Tabilħaqq, jekk wieħed jagħti ħarsa lura fiż-żmien, jara kemm tassew id-dar ta' Dun Ġorġ Agius fi Triq il-Kastell, ir-Rabat, qdiet l-għan qaddis li għalih ħallieha dan il-benefattur ġeneruż. Fuq kollox, iż-żmien wera li meta Mons. Agius għażel lis-Sorijiet Karmelitani biex f'din id-dar ikomplu jiżvolġu l-appostolat u l-ħidma ta' benefiċenza tagħhom f'Għawdex, kien għamel għażla tassew tajba.






### Riferenzi

[1] B'inizjattiva tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani ta' Malta fit-28 ta' Mejju 1961 kienet inġabet f'Għawdex l-Urna ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, fejn damet sal-15 ta' Ġunju għall-qima ta' l-Għawdxin. L-Urna kienet inżammet fil-knisja ta' San Ġakbu fiċ-ċentru tal-Belt Victoria. Għalkemm xi kappillani kienu wrew ix-xewqa li żżur il-parroċċi rispettivi tagħhom, din ittieħdet biss fil-knisja parrokkjali Ta' Kerċem fejn kien hemm is-Sorijiet Karmelitani ta' Santa Tereżina.

[2] Informazzjoni verbali mogħtija lill-awtur minn Sr Domitilla Cassar.

[3] Ara *Atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea*, Immissjoni fil-Pussess tal-Legat, 18/03/1964.

[4] A(RKIVJU) P(ARROKKJALI) S(AN) Ġ(ORĠ) V(ICTORIA), *Liber Baptizatorum*, Vol. 11 (1858-1879), f. 423.

[5] AEG, *Libro delle Sacre Ordinazioni*, Vol. 1 (1863-1905).

[6] Ara *Mons. Ġorġ Agius DD., J.C.D., Prelat Domestiku, f'Leħen il-Belt Vittorja*, April 1958, p. 3.

[7] Ara *Mons. Ġorġ Agius D.D., J.C.D., V.F., f'Għawdex*, 28 ta' Ottubru p. 3.

[8] Ara *Mons. Ġorġ Agius DD., J.C.D., Prelat Domestiku, f'Leħen il-Belt Vittorja*, April 1958, p. 3.

[9] Ara REĠISTRU PUBBLIKU GĦAWDEX, Att tal-Mewt Nru 64/1962.

[10] It-testment ta' Mons. Ġorġ Agius iġib id-data tat-12 ta' Novembru 1957.

[11] Ara referenza għal dan il-kodiċill fl-Att ta' l-Immissjoni fil-Pussess tal-Legat imħolli lis-Sorijiet Karmelitani fl-Atti tan-Nutar Antonio Galea, 18/03/1964.

[12] Dan il-piż kien infeda għas-somma ta' Lm50, bl-att li sar nhar id-29 ta' Jannar 1990, għand in-Nutar Ino Mario Grech, bejn il-Kan. Ġużepp Tabone għan-naħa tad-Djoċesi ta' Għawdex u min-naħa l-oħra Sr Elena Bezzina għas-Sorijiet Karmelitani tal-Belt Victoria.

[13] Id-Dar tar-Rabat saret awtonoma fl-1978.

[14] Tagħrif verbali mogħti lill-awtur minn Sr Domitilla Cassar, 20/08/2006.

[15] *Ibid.*

[16] F'din il-kariga ta' Delegata tal-Madre Ġenerali għaż-żewġ komunitajiet Karmelitani ta' Għawdex, Sr Letizia damet għal madwar sentejn, meta mbagħad, fl-1979, reġgħet għal darb'oħra nħatret Superjura tal-kunvent Ta' Kerċem.

[17] Ara fost oħrajn it-testment ta' Marija Portelli fl-Atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, 01/05/1990. Din Marija Portelli flimkien ma' ħutha, il-Kan. Ġwann Portelli u Carmela Portelli min-Nadur, kienu benefatturi kbar tas-Sorijiet Karmelitani kważi sa minn meta fetħu l-opra tagħhom f'Għawdex.

[18] Ara ASKR, Ittra ta' A. Gouder a/Kummissarju ta' l-Artijiet lil Sr Venerina Borg, Superjura tad-Dar tar-Rabat, 09/05/1989.

[19] Ara *Ibid.*, Ittra ta' Sr Mariannina Barbara lis-Sinjura Demarco, *Chairperson* tal-*Community Chest Fund*, 16/05/2001.

[20] Ara *Ibid.*

[21] Ara *Ibid.*

[22] KONĊILJU VATIKAN II, *Perfectæ Caritatis*, n. 8.

### Ritratti

**1** Id-dar ta' Mons. Agius, il-lum residenza tas-Sorijiet Karmelitani għall-anzjani.

**2-6** Ma' dan l-artiklu qed nippubblikaw għall-ewwel darba serje interessantissma ta' ritratti storiċi mill-Funeral ta' Mons. Ġorġ Agius f'Marzu 1962, mogħtija ġentilment lill-Arkivju tal-Bażilika minn Anthony Grech u George Sacco.

**7** Mons. Ġorġ Agius.

**8** Il-monument f'ġieħ Mons. Ġorġ Agius fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

## Nifirħu

- Patri George Attard OFMCONV, li fit-8 ta' Mejju 2013 ġie maħtur Penitenzier Minuri fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan.
- Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, Patri Eġidju Mizzi OFMCONV, studjuż ta' l-Iskrittura Mqaddsa, u s-Sur Robert Tabone, eks-Sindku tal-Belt Victoria, li nhar it-Tnejn 10 ta' Ġunju 2013, fl-okkażjoni ta' Jum il-Belt Victoria, waqt ċerimonja li nżammet fil-Librerija Nazzjonali (Għawdex), ingħataw *Ġieħ il-Belt Victoria.*
- Is-Surmast George Apap, mużiċista tal-Banda Ċittadina *La Stella*, surmast direttur tal-Banda *Viżitazzjoni* ta' l-Għarb, u għalliem ta' l-allievi ta' l-istrumenti ta' l-injam, li f'Ġunju 2013 ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda *Santa Margerita* ta' Ta' Sannat.
- Swor Anita-Jane Cachia FCJ, li nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru 2013, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, għamlet il-Professjoni tal-Voti Temporanji tagħha fi ħdan il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.
- Is-seminarista Mario Curmi, mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mbierka fix-Xagħra, li wara sena ta' ħidma pastorali fil-Parroċċa tagħna, is-Superjuri tiegħu ġeddulu għal sena oħra, kif tħabbar fil-Bulettin Parrokkjali tas-6 ta' Ottubru 2013. Din id-deċiżjoni ntlaqgħet b'ferħ fil-Parroċċa, b'mod speċjali mit-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, fejn Mario issa jista' jkompli bil-ministeru mibdi s-sena l-oħra.
- Is-Surmast Sigmund Mifsud, mużiċista Malti ta' fama u ċ-*Chairperson* ta' l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, li nhar is-Sibt 12 ta' Ottubru 2013 tħabbar uffiċjalment li ġie magħżul bħala Assistent Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*. Mifsud diġà ilu x-xhur involut fi ħdan l-istess Soċjetà bħala għalliem ta' sezzjoni ta' l-allievi.
- Rev. Dr Richard Nazzareno Farrugia, li f'Ottubru 2013 ġie maħtur Segretarju Personali u Ċerimonier ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Hu beda jwettaq ukoll l-uffiċċju ta' Prefett ta' l-Istudji u Professur tat-Teoloġija Morali fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.
- Mons. Alfred Xuereb, segretarju personali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, li fit-28 ta' Novembru 2013 il-Papa ħatru d-Delegat tiegħu fuq il-Kummissjoni Pontifiċja dwar l-Organizzazzjoni ta' l-Istruttura Ekonomika u Amministrattiva tas-Santa Sede kif ukoll fuq il-Kummissjoni responsabbli mill-Istitut tax-Xogħlijiet tar-Reliġjon, magħrufa aħjar bħala l-Bank tal-Vatikan; żewġ kummissjonijiet imwaqqfa mill-Papa nnifsu iktar kmieni matul din is-sena.
- Is-seminarista Mario Curmi, mix-Xagħra, li qed jagħmel ħidma pastorali fil-Parroċċa tagħna, li nhar il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2013, fil-knisja parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Loreto, Għajnsielem, irċieva l-Ministeru ta' l-Akkolitat minn idejn l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

## Insellmu

- Kan. Ġużeppi Grech Cremona (1929-2013), awtur ta' kotba u artikli aġjografiċi, devot kbir ta' San Ġorġ, li miet fit-2 ta' Ġunju 2013, fl-età ta' 83 sena.
- Mons. Anton Gauci (1925-2013), Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, li miet fil-11 ta' Novembru 2013, fl-età ta' 88 sena. Mons. Gauci tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u għamel l-ewwel Quddiesa solenni tiegħu fiha. F'ħajtu hu tħabat, l-aktar bil-kitba u l-predikazzjoni, biex ixandar it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja.








## Il-Kanonku Ġużeppi Grech Cremona
**(1929-2013)**



L-isem tal-Kanonku Ġużeppi Grech Cremona m'hux ġdid għal ħafna nies. Imwieled il-Belt Victoria, Għawdex, fit-12 ta' Novembru 1929, bin Ġorġ u Emma mwielda Cremona, hu miet fit-2 ta' Ġunju 2013, wara ħajja twila ta' aktar minn tmenin sena.

Ma kinitx tgħaddi ġimgħa jew tnejn li fuq xi wieħed mill-ġurnali ta' pajjiżna, ibda minn *The Sunday Times* u spiċċa f'*Leħen is-Sewwa*, ma kontx taqra xi artiklu tiegħu. Ma kienx jikteb fit-tul; l-istil tiegħu pjuttost wieħed konċiż u kien iħobb jipprovdi tagħrif dwar qaddisin jew aspetti oħra tal-ħajja jew ta' l-istorja tal-Knisja.

Mhux darba u tnejn li fil-Ktieb tal-Programm tal-Festi ta' San Ġorġ, ippubblikat ta' kull sena mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella* flimkien mal-Bażilika ta' San Ġorġ, kien jikteb xi artiklu ta' interess storiku. Kien ukoll predikatur ta' ħila. Kien niseġ il-paniġierku ta' San Ġorġ fl-1993, u diġà t-Tridu tiegħu fl-1966, u kellu rabtiet kbar ma' Għawdex minħabba li l-familja tiegħu min-naħa ta' Cremona kienet imnissla mir-Rabat, Għawdex, u hu stess trabba Għawdex fi tfulitu, anki jekk imbagħad għex ħajtu kollha Malta. Kien fil-fatt kuġin mal-Familja Cremona magħrufa bħala *Tax-Xelina* mir-Rabat ta' Għawdex. Kien ammiratur kbir tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, u kif jidher mill-kitbiet tiegħu li dehru f'din ir-rivista *Il-Belt Victoria*, kellu devozzjoni partikulari lejn il-Martri ta' Lidda. Tant hu hekk, li d-daħla għall-ktieb tiegħu *Qaddisin għal kull jum* iġġib id-data tat-23 ta' April 1997.

Grech Cremona kien ukoll Kanonku tal-Kolleġġjata Pawlina tal-Belt Valletta u kien joqgħod il-Furjana.

Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem!




# Imfakkar Mattia Preti fl-erba' mitt sena minn twelidu

Nhar is-Sibt 23 ta' Novembru 2013, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Kunsill tal-Kultura u l-Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Fondazzjoni Belt Victoria żammu s-serata *Remembering Preti (1613-1699)* biex jitfakkar l-artist ċelebri Mattia Preti f'għeluq l-erba' mitt sena minn twelidu.

Fis-serata, li fiha ħa sehem il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, saru żewġ diskorsi mirquma dwar Preti minn Dr Paul George Pisani, studjuż ta' l-istorja, u s-Sur Mark Sagona, studjuż ta' l-arti u għalliem fl-Università ta' Malta.

Fl-aħħar tas-serata, is-Sur Charles Cassar, f'isem il-Fondazzjoni, ippreżenta żewġ inċiżjonijiet ġodda, waħda ta' l-Altar Titulari ta' San Ġorġ u l-oħra ta' l-Altar ta' l-Erwieħ, it-tnejn fil-Bażilika tagħna, u li l-kwadri tagħhom huma ta' Preti. Dawn l-inċiżjonijiet, li minnhom b'kollox saru 99 kopja, huma xogħol l-artist Għawdxi Justin Falzon.

Is-serata kienet ippreseduta minn Dr Grezzju Mercieca f'isem il-Ministru għal Għawdex.

# Żagħżugħ ta' Tliet Mitt Sena

Ġorġ Pisani

Din il-poeżija kienet ixxandret għall-ewwel darba mill-poeta nnifsu (1909-1999) waqt Akkademja Mużiko-Letterarja li nżammet fil-Bażilika ta' San Ġorġ fit-13 ta' Lulju 1978, f'għeluq it-tliet mitt sena mill-bini tal-knisja parrokkjali fl-għamla ta' salib Latin u tal-pittura tal-kwadru titulari minn Fra Mattia Preti (1678). Fl-okkażjoni ta' l-erba' mitt sena mit-twelid ta' dan l-artist ċelebri Kalabriż, li fil-Bażilika tagħna ħallielna l-uniċi żewġ kwadri f'Għawdex li nafu b'ċertezza li ħarġu minn idejh, *Il-Belt Victoria* qed toffri mill-ġdid lill-qarrejja din l-opra letterarja illustri.

Mattija Preti, il-Kalabriż imqareb,
imxaħxaħ kien ġo raqda fil-fond sħiħ,
mifni minn ġrajjiet kiefra, kollha niket,
ta' ħajja mingħajr sliem, mingħajr mistrieħ.

Ħelwa kienet in-nagħsa, ħelwa u twila
li tnissi, qajla qajla, kull tifkira,
tferraħ 'il-qalb u r-ruħ u t-tnejn terfagħhom
lejn saltna ta' serħan u paċi kbira.

'Ma f'nofs ir-raqda sew, ħolma tal-ġenna
ġiet iżżuru bla ħsieb matul il-lej':
kien l-anġlu messaġġier, ħabbâr il-ġrajja,
mibgħut apposta għandu mill-Mulej,

li qallu: "Arma, arma, lesti ruħek
biex taqbad il-pinzell mingħajr dewmien:
hemm bżonn li tpitter fis ta' San Ġorġ x-xbieha
li tibqa' tgħix fit-tul, tirbaħ iż-żmien.

Kun af" – issokta l-anġlu – "li hemm Gżira
imbierka mill-ħolqien, tmewweġ bl-għoljiet,
li qed tistenna x-xbieha mingħajr sabar
sabiex twettaq ta' qalbha t-tqanqiliet.

Hemm poplu kwiet u twajjeb fuq dil-Gżira
li jgħożż tal-Kappadoċja l-kbir qaddis
għax lilu dejjem sab fil-hemm u l-biża',
minn għandu kiseb għerf, kenn u twennis.

Hu nebbħu biex jitrażżan u jistabar
matul it-taqlib aħrax ta' kull żmien,
hu tah ħeġġa mill-aqwa, tama sħiħa
sakemm wasslu sar-rebħa u l-ħelsien…

Dara dal-poplu jifraħ b'isem Ġorġi,
ilissnu ta' sikwit sa mit-twelid;
fuq fommu dejjem kien fil-ġranet hienja,
fil-ġranet kollha niket u taħbit.




B'ismu żejjen 'l uliedu, lil triqatu,
fl-irħula żgħar imxemmxa u fl-ibliet,
ismu ntiseġ mal-ġrajja ta' pajjiżu,
f'ġieħu waqqaf kappelli u tifkiriet.

Jilma b'ta' Ġorġi l-glorja Għawdex kollu
li dlonk għażlu missier għażiż minn tiegħu,
sejjaħlu protettur kbir u setgħani
biex jibqa' jieħu ħsiebu u jieqaf miegħu".

X'ħin sama' dan, Mattija bħal inħasad,
ħass ruħu mingħajr ħila u mingħajr sliem,
imbagħ'd ħares lejn l-anġlu, kollu mħasseb,
u b'ħeġġa beda jgħidlu dan il-kliem:

"'Ma kif, jaħasra, ix-xbieha tridni npitter
ta' fieres hekk ta' l-għaġeb, hekk qalbieni
li ismu mhux lil Għawdex biss iqanqal,
'ma l-qlub tal-ġnus tad-dinja kullimkien?

Mnejn tridni nġibha s-sengħa sabiex noħloq
figura hekk ġgantija, kollha nar;
kif nibda nqiegħed f'wiċċu l-espressjoni
ta' bniedem b'fibra sħiħa daqs l-azzar?

Kif nibda nuri d-dehra ta' qlubija
li toħroġ minn persuntu u minn għajnejh;
kif ngħaqqad, f'armonija, ġewwa l-kwadru
is-sura ta' l-uċuħ li jkollu ħdejh?

Kif nista' npitter xena ta' dix-xorta
li titlob ħsieb qatigħ, għaqal u qies;
kif nista' bil-pinzell insawwar opra
li taqta' tabilħaqq xewqat in-nies?".

"Arma, Mattija, arma" – reġa' l-anġlu –
"aqbeż malajr minn soddtok, tibża' xej',
aqbad il-pinzell f'idek, ibda pitter:
dan hu li jitlob minnek il-Mulej".

Imbagħ'd fesdaq ġo ħdanu, bl-akbar ħlewwa,
l-ilwien ħelwin u mżewqa tal-qawsalla,
kulur il-ward u l-frott u kull lewn ieħor
li hemm isebbaħ 'l-art fil-ħolqien t'Alla.

Sawwablu l-bjuda tilma f'wiċċ il-qamar
u dik tal-kwiekeb tixgħel fil-lejlet;
tah ħażna mingħajr tarf ta' tlellix ieħor,
xmara ta' dawl bla qies u dellijiet.

Dewqu l-glorja tax-xemx, tisreġ bla ħniena,
u l-leħħ tal-beraq jilgħab fis-smewwiet;
firixlu l-ikħal nir tal-baħar tagħna
ibewwes, qisu tfajjel, lix-xtajtiet.

Newwillu l-meravilji ta' l-abbissi,
l-ilwien tal-ħut u l-ħxejjex tal-qigħan,
nisiġlu l-ġmiel tat-tjur u dak tal-friefet,
ħatru ta' l-univers l-akbar sultan.

U qam Mattija minn dil-ħolma sbejħa:
ħass qalbu b'ferħ tal-ġenna qiegħda tfur,
ħass mewġa ta' demm sħuq tiġri ma' ġismu,
ħass xenqa għal xogħ'l ġdid, kuraġġ ta' sur.

U ħafen il-pinzell dikment ġo idu,
jifirxu beda b'ħeffa fuq it-tila
biex jobdi s-sejħa li fil-ħolm saritlu
u jagħti bidu għal dik l-opra tqila.

It-tila bdiet timtela; wieħed wieħed
jifirxu bdew l-uċuħ u jieħdu s-sura,
sakemm, taħkem fin-nofs, maġenb iż-żiemel,
dehret tal-Martri mbierek il-figura.

Kellu fuq wiċċu seħer liema bħalu
ta' almu ta' gwerrier u ta' qlubija,
gwerrier li spiċċa minn taqbida ħarxa
mar-re tad-dlamijiet u tal-ħżunija.

Taqbeż kienet dil-qawwa fl-aqwa tagħha
mill-ħarsa soda u ħelwa ta' għajnejh,
mir-rafgħa sew tax-xabla kemm tat-tarka,
mill-passi meqjusin minn ta' riġlejh.

Tidher kienet dil-qawwa ċara u safja,
tbaqbaq u tfur bħad-demm ħamrani u sħun,
fil-binja tad-dirgħajn, l-għeruq u l-għadam,
fl-għafsa fuq ras il-ġisem tad-dragun.

Tixref kienet dil-qawwa u titgawda,
maħduma mis-sigriet ta' arti kbira,
fil-kisra tar-riġlejn, tar-ras, l-irkobba,
fit-titjira tal-mant u tal-geżwira.

Bajda bħal-lift id-dehra ħdejh taż-żiemel,
iżanżan fuq il-qafas sidra ġdida,
għajnejh, miftuħa beraħ, għadhom jilmħu
il-kruha kollha sogru tat-taqbida.

Grandjuża din id-dehra minn taż-żiemel,
b'xagħ'ru jittajjar u mill-art maqtugħ,
riġlu miksur 'il fuq sabiex le jirfes
il-ġwienaħ tad-dragun ma' l-art mirbuħ.

Fil-bogħ'd ix-xbejba titlob għarkubbtejha,
mistagħġba bil-qlubija tal-qaddis,
xbieha tal-Knisja mħabbta 'ma rebbieħa
fuq id-dragun tal-ħażen u t-tnassis.

Fuq l-elmu ta' San Ġorġ mis-sema traxxax
xita ta' dawl, kultant mix-xejn miksur,
fin-nofs żewġ anġli żgħar neżlin bil-premju
li sħoqq tal-Fidi Mqaddsa d-difensur.

U kollox donnu jgħum ġo baħar wiesa',
għani bid-dawl, riflessi u kjaroskuri;
tiżwiq lelliex, għalkemm mis-sengħa mrażżan,
ġo festa armonjuża ta' kuluri.

Tgħaxxaq Mattija malli lesta l-kwadru,
intilef, fil-mument, iħares lejh,
bħal tfajjel beda jbusu waħda f'waħda,
mirbuħ minn dak il-ferħ, ħabbat idejh.

Imbagħ'd resaq lejn Ġorġi u hekk qallu:
"Ja Kavallier, qaddis ta' l-isbaħ ġrajja,
int issa lest tassew: tħarrek u imxi,
tajtek ġisem u ruħ, in-nifs tal-ħajja!".

Tliet sekli sħaħ għaddew u xejn ma jista'
iħassar dak is-seħer li l-qaddis
jitfa' minn fuq it-tila bħalma darba
pittru Mattija Preti l-Kalabriż.

Madwaru tkabbar tempju kollu mfassal
fuq linji meqjusin minn sengħa fina,
sengħa li tatna knisja b'għamla ġdida,
għamla ta' gost mirqum, *croce latina*.

U kompla dan it-tempju dlonk jiżżejjen
mill-moħħ u l-fantasija tal-Għawdxin,
sakemm sar tempju ta' tnaqqix u żina,
tempju ta' rħam magħżul u deh'b zekkin.

Tistrieħ il-għajn hawn ġew, ir-ruħ titpaxxa
u tfaħħar dejjem 'l Alla tal-qtajjiet
li għogħbu juri l-għerf u s-setgħa tiegħu
permezz tal-qaddisin l-għeġubijiet.

Ġo nofs it-tempju l-kwadru ta' Mattija
jidher, qisu fuq tron, minn kullimkien
ikanta l-ħila kbira ta' min pittru,
jaħkem 'l-imħuħ u 'l-qlub, jisfida ż-żmien.

Hu xogħ'l rari u prezzjuż minn id ta' mgħallem
li jixraq li jintwera fl-aqwa bliet,
kuruna lli żżejjen ir-ras ħelwa
tal-Gżira tiddi u tfuħ tat-Tliet Għoljiet.

Hu ġmiel li ma jmut qatt u le jitħassar,
bħal dak tal-ward, tal-frott, tat-tjur u l-bhejjem,
hu għajn ma taqta' xejn ta' ferħ l-ispirtu,
żagħżugħ ta' tliet mitt sena u ta' dejjem.

6 ta' Mejju 1978

*...jaqbad mill-qoxra*

Dan hu t-test sħiħ tal-korrispondenza msemmija:



13 aprile 2013

*Reverenda Madre Vitaliana,*

Ho il piacere di comunicarLe che il Congresso peculiare *super virtutibus* della Serva di Dio Madre Margherita De Brincat, celebratosi questa mattina presso la Congregazione delle Cause dei Santi e presieduto dal Rev.mo Promotore della Fede, Mons. Carmelo Pellegrino, ha avuto esito pienamente favorevole.

I nove Consultori Teologi hanno espresso il loro voto positivo, dopo aver studiato e valutato la Positio *super vita et virtutibus*.

Il testo dei nove voti e della Relazione del Congresso comporrà il fascicolo che insieme alla *Positio* servirà per essere sottoposto al giudizio dei Padri Cardinale e Vescovi riuniti in Congregazione Ordinaria. Per questa nuova tappa trascorreranno alcuni mesi.

Ringraziamo il Cuore di Gesù, che ci dona la gioia di vedere la sua umile Serva Madre Margherita De Brincat avviata verso il traguardo della beatificazione. Chiedete grazie perché il cielo è aperto!

**Fr Giovangiuseppe Califano, ofm**
*Postulatore generale*

# L-EWWEL TQARBINA (Il-Ħadd 28 ta' April 2013)





Margita Apap, Jerome Attard, Kylie Attard, Nathan Attard, Matthias Axiaq, Maya Bonnici, Victoria Camilleri, Maria Caterina Casarini, Neil Casha, Paul Cassar, Zoe Cauchi, Francesca Cini, Lara Cordina, Francesco Cremona, Kyra Cremona, Karl Curmi, Krista Curmi, Maia Farrugia, Matthew Farrugia, Gabor Farrugia, Gianfranco Gatt Ellis, Megan Grech, Lora Grech, Louis Grech, Phoenix Muscat, Timothy Pace, Neil Portelli, Maia Saguna, Adriana Said, Hannah Marie Saliba, Amy Schembri, Amira Sciberras, Maria Sultana, Nirvana Theuma, Christina Thornton, Gabriel Vella
**Ritratt:** Scerri Photo Studios





## PELLEGRINAĠĠ F'RUMA U ASSISI
**(4-9 ta' Ġunju 2013)**

## PELLEGRINAĠĠ F'LOURDES
**(7-13 Awwissu 2013)**

## KONSAGRAZZJONI FL-ORDNI TAL-VERĠNI
**(12 ta' Mejju 2013)**



Nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju 2013, fil-Katidral ta' Għawdex inżammet għall-ewwel darba fid-Djoċesi tagħna l-Konsagrazzjoni fl-Ordni tal-Verġni. Bi tħejjija għal din il-ġrajja sabiħa, nhar is-Sibt 4 ta' Mejju, fil-għaxija, lejlet il-festa tal-Kwaranturi Mqaddsa, fil-Bażilika tagħna nżammet Velja Ewkaristika Djoċesana bi tħejjija għall-konsagrazzjoni ta' Rose Borg (ix-Xagħra) u Giovanna Tabone (Ta' Kercem). Din tmexxiet minn Dun Injazju Borg, Kappillan ta' San Lawrenz, assistit mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, li hu wkoll id-Delegat ta' l-Isqof ta' Għawdex għall-formazzjoni ta' dawk li jixtiequ jissieħbu fl-*Ordo Virginum*. Għall-velja, tqiegħdu fuq il-presbiterju d-distintivi tal-konsagrazzjoni verġinali, waqt li Dun Nazju għamel riflessjoni sabiħa fuq it-tifsira tal-verġinità u l-għana ta' din it-tradizzjoni fil-Knisja. Fil-Parroċċa tagħna għandna wkoll xebbiet li qed jgħixu l-vokazzjoni verġinali, anki jekk mhux bħala parti minn dan l-Ordni.

# ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TAL-KONFIRMAZZJONI





Fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi, is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni fid-Djoċesi ta' Għawdex fl-2013 ingħata f'Ċelebrazzjoni Djoċesana waħda li nżammet nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju, fis-6.00pm, fil-Pjazza tas-Santwarju Ta' Pinu, l-Għarb, jumejn qabel il-festa kbira ta' Għid il-Ħamsin. Il-Quddiesa ta' sagħtejn tmexxiet mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, assistit minn erba' isqfijiet oħra fl-amministrazzjoni ta' dan is-sagrament lil 276 tifel u tifla. Dawn kienu l-E.T. Mons. Aldo Cavalli, Nunzju Appostoliku ġdid għal Malta; l-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof Metropolita ta' Malta; l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju ta' Malta; u l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta. L-Isqfijiet amministraw il-Griżma lill-kandidati kollha, imqassma f'ħames gruppi differenti, minn fuq palkijiet ċkejkna armati apposta quddiem l-altar. Il-grupp ta' 28 tifel u tifel mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, flimkien mal-kandidati mill-Parroċċi ta' Ta' Kerċem u l-Għasri u mill-komunità ta' Marsalforn, irċivew id-dilka mqaddsa ta' dan is-sagrament minn idejn l-Isqof Grech stess, u kienu bil-qiegħda – wara li ntgħażlu bil-polza – fil-fillieri ta' quddiem tal-parti ċentrali. Kienet ċerimonja storika u memorabbli li ħalliet impatt pożittiv ħafna fuq dawk kollha li attendew. Kanta l-Kor Djoċesan taż-Żgħażagħ taħt id-direzzjoni ta Dorienne Portelli u l-funzjoni ġiet imxandra fuq *Radju Marija* u anki fuq radjijiet parrokkjali, fosthom *Leħen il-Belt Victoria*. Fiha, għall-ewwel darba, iżżanżnu l-ilbiesi ġodda ħomor li kull sena ħa jibdew jiġu mislufa mill-Parroċċi biex jintlibsu mit-tfal li jirċievu dan is-sagrament, bħala sinjal tad-doni ġodda ta' l-Ispirtu s-Santu li bihom jitlibbsu spiritwalment. Lill-Parroċċa ta' San Ġorġ, dan l-ilbies ġie jiswielha fuq €1,800; il-ġenituri taw donazzjoni ta' €20 għal kull libsa.

Dawn huma l-kandidati mill-Parroċċa tagħna li rċivew is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni f'din il-ġrajja storika: Jake Attard, Luke Attard, Romualdo Attard, Serah Balzan, Riana Camenzuli, Jeremy Camilleri, Monique Camilleri, Joshua Cassar, Oliver Cremona, Emer Pio Cutajar, Lukas Farrugia, Miguel Farrugia, Angelica Galea, Ian Gauci, Danielle Grillage, Gabriel Grima, Chris Hadhri, Yanika Mercieca, Mark Mizzi, Michela Pace, Jeremy Rapa, Karl Sacco, Kimberley Scerri, Lorianna Tabone, Adam Vella, Nicholas Vella, Cydelle Xerri, Anthony Zammit.

**Ritratti**

1 Il-kreżimandi mill-Parroċċa ta' San Ġorġ flimkien mal-parrini tagħhom.
2 L-Isqof Grech jagħti l-Griżma lil waħda mill-kandidati mill-Parroċċa tagħna.
3 Dehra mill-għoli taz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu waqt iċ-ċelebrazzjoni djoċesana [ritratt: Daniel Cilia].



# Sound ġdid għall-Bażilika

*...jaqbad mill-qoxra*




Il-proċess beda b'laqgħat bejn il-Kumitat tal-Manutenzjoni tal-Bażilika u l-persuni tekniċi konċernatim ħalli seta' jitfassal pjan tal-proġett sħiħ kif ukoll issir l-istallazzjoni tas-sistema.

Għalhekk l-ewwel fażi kienet tikkonsisti fit-tneħħija ta' l-apparat antik, li jinkludi wajers u plakek qodma; dan sar fuq medda ta' diversi ġimgħat. Wara, ġew mgħoddija wajers ġodda ħalli jkunu jistgħu jiġu kkomunikati l-*ispeakers* il-ġodda, iċken u iżjed eleganti fid-daqs u d-dehra.

Waqt l-istallazzjoni ġew ipprovduti *points* ġodda għall-*ispeakers* ħalli s-*sound* prattikament jitwassal f'kull rokna tal-knisja. Fost l-oħrajn, twaħħlu erbgħa *speakers* ġodda fin-navati tal-korsija u tnejn oħra fil-Kor, waqt li tbiddlu t-tmien *speakers* qodma ġa eżistenti.

Il-mikrofoni kollha, disgħa b'kollox, ġew mibdula u twaħħlu oħrajn flokhom. Fuq l-Altar Maġġur issa hemm żewġ mikrofoni ħalli jkunu ta' servizz aħjar għaċ-ċelebranti, speċjalment waqt konċelebrazzjonijiet b'ħafna saċerdoti. Inxtraw ukoll żewġ *cordless microphones* li jiffaċilitaw il-moviment bis-*sound* fil-knisja kollha. Tbiddlu wkoll il-mikrofoni ta' l-ambone, tal-presbiterju u dak ta' l-animaturi. Saru żewġ mikrofoni ġodda li tqiegħdu fuq iż-żewġ pilastri maġġuri li jagħtu għal fuq il-presbiterju. Dan sar biex il-funzjonijiet, kunċerti u kull attività oħra jistgħu jkunu mxandra b'livell għoli ta' *sound* fuq ir-Radju *Leħen il-Belt Victoria*

Minbarra l-apparat li jidher fil-Bażilika, saru tibdiliet sostanzjali fil-*control system*. Fost l-oħrajn inxtara *mixer* ġdid (li jieħu tnax-il *microphone in*, erba' *line in*) u *amplifier* (erba' *channels*) biex ikun jista' jikkontrolla l-kwalità tal-ħoss. Dan l-apparat għandu l-possibbiltà li jħaddem diversi *pre-established settings* għall-użu aħjar u aktar effiċjenti waqt il-Quddies u l-attivitajiet pastorali li jsiru. Jistgħu jixxandru wkoll mużika jew rikordings oħra minn fuq l-*ispeakers*, mingħajr il-ħtieġa ta' kiri ta' PAs. Dan l-apparat ġie ttrasferit fil-Kamra tas-Sagristana ħalli jkun f'post aktar żgur u aċċessibbli. Għal dan il-għan, inħadem armarju apposta ta' l-injam u l-ħġieġ.

Dan il-proġett, wieħed ta' siwi pastorali u prattiku kbir għar-realtà tal-parroċċa tagħna, irrikjeda investiment kbir. L-ispiża totali laħqet il-€11,000. Id-donazzjonijiet kienu varji, imma l-appell tal-Parroċċa għall-għajnuna jibqa' miftuħ, speċjalment lilkom li b'xi mod jew ieħor qegħdin tibbenefikaw mis-sistema l-ġdida.

Irroddu ħajr lil Andrew Formosa, kordinatur tal-proġett, lil John Cauchi (ta' *PRO Studios*), lil George Schembri, megħjun minn Salvu Cremona u Gordon Grech, u lil Mario Attard, li bl-għajnuna tagħhom il-proġett twettaq u l-lum qed jiġi mħaddem għall-benefiċċju ta' min iżur il-Bażilika tagħna u jagħmel użu mis-servizzi tagħha fil-liturġija u anki f'okkażjonijiet oħra.

Is-sistema l-ġdida ta' l-awdjo tal-Bażilika tagħna ġiet inawgurata u mbierka uffiċjalment mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, fil-Pontifikal ta' l-Aħħar tas-Sena, it-Tlieta 31 ta' Diċembru 2013.

# Lil Filomena Attard

*"Għax il-ġust qatt ma jintemm,*
*it-tifkira tiegħu tibqa' għal dejjem"*
(Salm 111)



Inħsadt x'ħin smajt li kont ħallejtna, f'daqqa,
wara biss ftit ġimgħat ta' mard u wġigħ,
u ngħafset qalbi għax mank biss sellimtlek
qabel ma tlaqt għall-vjaġġ li emmint fih.

Is-Sema biss jaf jgħid kemm ġid jgħajjatlek,
kemm ġid għamilt mingħajr ma fittixt ġieħ,
kemm nies fil-bżonn ferraħt bil-kelma tiegħek
w oħrajn li sabu fik għajn ta' mistrieħ.

Kont tgħin il-knejjes u d-dar t'Alla qdejtha
b'għemilek kollu mħabba, kollu sliem;
ma ġrejtx wara tad-dinja l-ġid li jgħaddi,
fuq Alla ħajtek bnejt fl-għemil u l-kliem.

Int tmajtha 'l ruħek b'kelmet Alla rżina
li lmaħtha jien tilgħablek fuq xofftejk,
bħal għasel paririеtek swew għall-fqajjar,
ma ħallejt qatt l-imsejkna – l-ħbub t'għajnejk.

Jekk ħutek, jekk barrani, waqaft dejjem
ma' min fil-ħtieġa, ma qistx ħin u żmien;
il-lum bil-pika, bejniethom għajjura,
lil ruħek l-anġli jerfgħu ferħanin.

ħabibek,
**Dun Geoffrey George Attard**
4 ta' April 2013

# Il-Gwarniċ tal-Fidda rrestawrat

Kull min żar il-Bażilika ta' San Ġorġ fil-ġimgħa tal-Festa ta' din is-sena, sewwa sew bejn is-16 u l-21 ta' Lulju 2013, seta' jitpaxxa aktar minn qatt qabel bil-ġmiel impressjonanti tal-Gwarniċ tal-Fidda armat – bħalma jiġri kull sena – fuq l-altar maġġur għall-okkażjoni. Fil-fatt, kulħadd seta' jinnota d-dehra ġdida li għandu dan il-Gwarniċ "famuż" tal-Ventaltar tal-Festa wara li fix-xhur ta' qabel għadda minn intervent qawwi ta' restawr u konservazzjoni li raddlu l-glorja oriġinali tiegħu.

Barra l-fatt li l-Gwarniċ tal-Fidda kien jinsab ftit jew wisq fi stat imkagħbar, il-Parroċċa tagħna ħasbet biex tidħol għall-biċċa xogħol tar-restawr l-aktar minħabba li din is-sena qed jaħbat l-ewwel ċentinarju tiegħu. Tajjeb jingħad li l-Gwarniċ wasal Għawdex f'Ottubru 1913 u ġie mżanżan għall-ewwel darba fil-Festa titulari ta' San Ġorġ tas-sena ta' wara.

Din l-opra monumentali kienet ġiet ikkummissjonata minn Monsinjur Giuseppe Farrugia (*Tal-Vers*), Dekan tal-Kapitlu Katidrali u Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex. Ix-xogħol tal-fidda ġie esegwit mid-ditta *Ghezzi* ta' Milan fuq disinn ta' Vincenzo Busuttil mill-Belt Valletta. Dan il-gwarnic monumentali, li nħadem għall-altar maġġur l-antik tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, ġie jiswa ħames mitt lira tad-deheb, u tħallas mill-aħwa Dun Franġisk u Ġużeppi Buhagiar, żewġ benefatturi insinji ta' San Ġorġ.

F'Novembru 2012, il-gwarniċ ġie fdat f'idejn id-ditta lokali *Laga the Silversmiths* ta' Ħal-Luqa, Malta, sabiex tkun tista' tirrestawrah. Wara li wasal il-fabbrika, ittieħdu numru kbir ta' ritratti biex jiddokumentaw l-istat tal-gwarniċ mal-wasla tiegħu, speċjalment ta' dawk il-partijiet li kellhom xi tip ta' ħsara. Il-gwarniċ, imbagħad, ġie żarmat biċċa biċċa, fil-waqt li l-partijiet kollha ġew innumerati, ikkatalogati u mmarkati, biex fl-aħħar tar-restawr il-bini mill-ġdid tal-gwarniċ ikun jista' jsir mingħajr l-ebda diffikultà. Il-partijiet kollha ġew ipproċessati minn gon-nar li kien ilaħħaq is-sitt mitt grad *celsius*, u wara ġew mgħaddsa ġo banju aċtu u ppolixxjati. Billi l-istruttura ta' l-injam instabet f'qagħda xejn sabiħa, kien meħtieġ li tiġi ttrattata minnufih biex tiġi evitata iktar ħsara. Finalment, il-partijiet kollha reġgħu ngħaqdu flimkien.

L-intervent ta' konservazzjoni sar tabilħaqq bl-ikbar professjonalità u ġie jiswa lill-Parroċċa tagħna €2,700.

Il-Gwarniċ inġab lura fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013 u xahar wara ġie mżanżan fil-Mużew il-ġdid *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, biex issa jinsab espost f'dan l-istess ċentru kulturali matul is-sena kollha.







**Ritratti:** Daniel Cilia, Mons. Pawlu Cardona

# X'GĦADDA MINN GĦALINA...

## Tieqa tal-koppla lura f'postha

Wara xhur twal maqlugħa għat-tiswija minħabba ħsarat li kien ġarrab il-ħġieġ tal-parti ta' isfel tagħha bil-maltemp, it-tieqa tal-koppla bis-suġġett *Pater Noster* (it-talba tal-Missierna) ġiet imwaħħla lura f'postha nhar is-Sibt 29 ta' Ġunju 2013. It-tmien twieqi tal-ħġieġ tal-koppla, xogħol Taljan fin ħafna fl-i*stained glass*, għandhom disinn tal-Professur Gian Battista Conti, u nħadmu fl-1965 għand id-Ditta *Giuliani* ta' Ruma. Tieqa oħra tal-ħġieġ – jew aħjar, parti minnha – li wkoll ġarrbet ħsara bil-maltemp fl-istess żmien kienet dik ta' fuq l-arkata tal-korsija li tagħti għall-Kappellun ta' San Ġużepp. Din ukoll kienet inqalgħet għat-tiswija u issa tqiegħdet lura f'postha. Ix-xogħol ta' restawr fuq il-ħġieġ sar minn artist lokali.

Sadattant, fil-jiem tas-Sajf 2013, il-voluntiera Ċensu Fenech u Dennis Tabone wettqu xogħol ta' restawr fuq it-twieqi ta' l-injam li jipproteġu minn barra dawk tal-ħġieġ tal-korsija tal-Bażilika. Il-kundizzjoni ta' dawn it-twieqi kienet iddeterjorat sew matul dawn is-snin kollha minħabba l-elementi qawwija tan-natura, u għalhekk kellhom bżonn li jitqaxxru u jinżebgħu mill-ġdid.





## Restawr tal-brazzi u xiri ta' oħrajn ġodda

Għall-Festa Titulari ta' din is-sena (2013), wieħed seta' jinnota b'sodisfazzjon il-brazzi l-antiki tal-kristall Boemjan fil-glorja oriġinali tagħhom. Dan minħabba l-fatt li għadu kif sarilhom xogħol estensiv ta' restawr u konservazzjoni li kien fdat f'idejn Anthony Pulè minn Bormla, li wettaq din il-biċċa xogħol b'reqqa kbira u bi professjonalità liema bħalha, tant li l-brazzi l-antiki ġew qishom ġodda fjamanti. Din is-sena wkoll il-Parroċċa ħasbet biex takkwista sett brazzi ġodda tal-kristall sabiex jibdew jintramaw fin-navi għall-jiem tal-Festa Titulari. Ma' dawn il-brazzi ġodda, li nħadmu fir-Repubblika Ċeka, 'il quddiem għandhom jiżdiedu oħrajn għall-Kappelluni ta' San Lazzru u ta' l-Erwieħ biex is-sett ikun jista' jitqies komplut. Dan ix-xogħol kollu seta' jsir mill-ġbir ta' fondi li l-Parroċċa tagħmel matul is-sena permezz ta' lotteriji u ikliet, kif ukoll minn donazzjonijiet kbar u żgħar ta' diversi benefatturi li għandhom għal qalbhom il-patrimonju artistiku tal-Bażilika Ġorġjana.

## Ġeneratur ta' l-Elettriku għall-Bażilika

Minn Lulju 2013, il-Bażilika għandha ġeneratur ġdid ta' l-elettriku biex jintuża meta għal xi raġuni jew oħra tinqata' l-provvista ta' l-elettriku. Dan inxtara minn għand is-Sur Joe Galea tal-*Paradise Restaurant* (Xlendi) għal prezz ridott. Parti mill-ispejjeż tħallsu mil-*Ladies Society*, grazzi għall-*Get-Together* u t-Tombla ta' nhar ta' Ħadd. Dan il-ġeneratur qed jieħu post wieħed qadim li issa kien ilu sew ma jaħdimx u ma setax jissewwa. Il-ġeneratur il-ġdid jinsab miżmuma f'waħda mill-kmamar ta' ħdejn is-sagristija.



## Rampa ġdida għal iżjed aċċessibbiltà

Matul l-ewwel ġimgħa ta' Settembru tqiegħdet fil-Bażilika rampa ġdida ta' l-injam, bil-puġġaman ta' l-i*stainless steel*, biex tipprovdi aktar aċċessibbiltà lil persuni b'diżabbiltà jew anzjani li jużaw siġġu tar-roti. Ir-rampa tinsab fil-Kappellun ta' San Lazzru, u tniffed għal bieb tas-sagristija li jagħti fuq Triq San Ġorġ. Il-ħsieb hu li, biex tinħoloq aċċessibbiltà sħiħa, tiġi stallata wkoll rampa għall-bieb ta' barra. Hekk il-Bażilika tkun totalment aċċessibbli għal min ma jistax jimxi waħdu jew juża siġġu tar-roti.



## Żjara mill-Kardinal Levada

Nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2013 għamel żjara f'Għawdex il-Kardinal William Levada, Prefett Emeritu tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi. Hu kien akkumpanjat minn Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju ta' Malta, u minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta. Wara żjara lis-Santwarju Ta' Pinu, hu żar il-Katidral ta' l-Assunta u l-Bażilika ta' San Ġorġ. Wara, żar ukoll is-Seminarju.



## Waslu l-*lockers* ta' l-Abbatini

Minn Ġunju 2013 l-abbatini tal-Parroċċa, li jaqdu b'assidwità l-altar tal-Bażilika tagħna, għandhom *lockers* ġodda: armarju pulit b'sittax-il *locker* differenti, maħduma fl-injam minn Ino M. Attard. Dawn tqiegħdu fil-post fejn l-abbatini jbiddlu u jitħejjew għas-servizzi liturġiċi, jiġifieri kamra li tiġi wara s-sagristija maġġuri. Din l-inizjattiva saret bit-tħabrik tas-seminarista Mario Curmi.

## Adorazzjoni Ewkaristika "sinkronizzata" mal-Papa fis-Sena tal-Fidi

Nhar Korpus ta' din is-sena, miljuni ta' Kattoliċi, fosthom kongregazzjoni miġbura fil-Bażilika tagħna, ingħaqdu fl-istess ħin mal-Papa Franġisku biex jaduraw lil Ġesù Sagramentat.

F'Ruma kienu l-5.00pm x'ħin bdiet l-Adorazzjoni Ewkaristika fil-Bażilika ta' San Pietru. Id-dinja Kattolika kollha kienet magħquda fl-istess ħin. Meta l-Ħadd 2 ta' Ġunju 2013 ħafna pajjiżi madwar id-dinja kienu qed jiċċelebraw il-festa ta' Korpus, il-Vatikan organizza Adorazzjoni Ewkaristika fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi. Il-Papa Franġisku talab fis-skiet quddiem is-Sagrament Imqaddes, hekk kif miljuni ta' fidili kienu miġbura tul l-istess siegħa f'katidrali u parroċċi madwar id-dinja Kattolika biex jaduraw lil Ġesù Ewkaristija.

Iċ-ċerimonja f'Ruma kienet solenni imma sempliċi: innijiet u talb mil-Liturġija u mill-Iskrittura, imma fuq kollox, ħinijiet ta' talb fis-skiet. Fil-kontinent Amerikan is-siegħa kienet fil-għodu; fl-Atlantiku, l-Ewropa u l-Afrika, wara nofs in-nhar; fl-Asja kien fil-għaxija; waqt li fil-Paċifiku kien tard bil-lejl.

Il-Papa ma għamel l-ebda diskors qabel jew wara ċ-ċerimonja; minflok, hu sempliċement qagħad jitlob u ta l-Barka fl-aħħar. Imma xi jiem qabel kien ħabbar l-intenzjonijiet tat-talb tiegħu għal Knisja iktar sabiħa, mingħajr ebda tikmix jew tebgħa, kif ukoll għal dawk fil-bżonn, inklużi vittmi tal-gwerra u t-traffikar, flimkien ma' dawk li qed ibatu mill-qgħad jew sfruttament fuq il-post tax-xogħol.

Fi kliem l-Arċisqof Rino Fisichella, President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni ta' l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, din l-Adorazzjoni kienet ġrajja unika fl-istorja tal-Knisja, għax rat għall-ewwel darba knejjes miż-żoni kollha ta' ħinijiet differenti madwar id-dinja "sinkronizzati" mal-Vatikan għal mument ta' talb quddiem l-Ewkaristija.

F'Malta u Għawdex ukoll, fil-katidrali u f'għadd ta' knejjes, inżammet Adorazzjoni Ewkaristika f'komunjoni mal-Papa u l-Knisja Universali. Pjuttost partikulari kien dak li seħħ fil-Bażilika tagħna f'Għawdex, fejn waqt l-Adorazzjoni mill-5.00pm sas-6.00pm intwera wkoll il-filmat dirett minn Ruma.



## Il-Kor tal-Bażilika jkanta l-innu *T'Adoriam, Ostia Divina* f'għeluq il-mitt sena tiegħu

Ftit jafu li l-innu Ewkaristiku ta' Dun Karm, *Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema*, li aħna nkantaw tant drabi matul is-sena fil-knejjes tagħna, oriġinarjament il-Poeta Nazzjonali kitbu bit-Taljan, taħt l-isem *T'Adoriam, Ostia Divina*. L-innu kien inkiteb fl-okkażjoni ta' l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, li nżamm fil-gżejjer Maltin f'April 1913, jiġifieri mitt sena ilu. Tant intgħoġob mill-isqfijiet barranin li attendew, li bosta ġarrewh magħhom barra minn xtutna, u sal-lum għadu popolari sew fil-knejjes Taljani u nqaleb ukoll f'ilsna oħra, bħall-Ingliż u l-Ispanjol. Kien biss għaxar snin wara li Dun Karm niseġ il-versi ta' dan l-innu bil-Malti.

Il-mitt anniversarju ta' dan l-innu sabiħ ġie mfakkar f'Serata Mużiko-Letterarja fil-knisja ta' l-Adorazzjoni Perpetwa fil-Belt Victoria, magħrufa bħala Ta' Savina, li wkoll kienet infetħet mill-ġdid mitt sena ilu, meta l-Kardinal Legat tal-Papa għall-Kungress, l-Eminenza Tiegħu Domenico Ferrata, ġie Għawdex apposta biex jinawguraha. Il-knisja ċkejkna fi Pjazza Savina saret mixtla ta' adorazzjoni Ewkaristika fil-gżira grazzi għall-ħidma sfiqa ta' Mons. Alwiġ Vella, ir-rettur tagħha, "l-Appostlu ta' l-Ewkaristija" f'Għawdex.

Is-serata kommemorattiva nżammet nhar il-Ġimgħa 19 ta' April, fis-7.30pm, u matulha l-Kor *Laudate Pueri* tal-Bażilika tagħna, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, kanta l-innu *T'Adoriam* kif ukoll il-verżjoni tiegħu bil-Malti. Id-diskors prinċipali sar minn Dr Joe Zammit Ciantar, li ppreżenta analiżi storika u kritika letterarja ta' dan l-innu li, skond hu, mhux kullimkien qed jitkanta fil-verżjoni oriġinali bil-Malti li fiha kitbu Dun Karm. L-innu għandu mużika ta' Mro Giuseppe Caruana. Diskorsi oħra saru minn Mons. Giovanni Bosco Gauci, Vigarju Ġenerali u Rettur tal-knisja Ta' Savina, u minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li qal li l-innu hu għalina stedina mħeġġa ħierġa mill-pinna ta' saċerdot poeta biex nitolbu u nfaħħru l-imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu preżenti fl-Ewkaristija.



## San Ġorġ fost l-Interċessuri tat-28 Jum Dinji taż-Żgħażagħ fil-Brażil

San Ġorġ Martri kien wieħed mill-qaddisin interċessuri tat-28 Jum Dinji taż-Żgħażagħ li nżamm f'Rio de Janeiro, il-Brażil, bejn it-22 u d-29 ta' Lulju 2013, u li għalih attenda għall-ewwel darba l-Papa Franġisku.

Għal din l-okkażjoni, barra ħames Qaddisin Patruni, intgħażlu għadd ta' Interċessuri Mqaddsa, fosthom il-qaddis tagħna. Dan tħabbar mill-Kumitat Organizzattiv nhar Għid il-Ħamsin. Il-qaddisin patruni huma Sidtna Marija ta' Aparecida, San Bastjan, San Galvao, Santa Tereża ta' Lisieux, u l-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II. Kien dan ta' l-aħħar li waqqaf il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ fl-1984.

Il-lista ta' tlettax-il qaddis u beatu li ntgħażlu bħala Interċessuri tinkludi lil Santa Rċża ta' Lima, il-Beatu Pier Giorgio Frassati, il-Beata Laura Vicuna, u t-Taljana Chiara Badano, adolexxenti li ġiet ibbeatifikata biss riċentement.

Fuq is-sit uffiċjali ta' dan il-Jum, San Ġorġ hu msejjaħ "Ġellied tal-Ħażen!", simbolu tal-fidi soda, wieħed li jittrijonfa fuq il-qawwiet tal-ħażen. Għalkemm qaddis tas-seklu erbgħa, hu mqiegħed fuq l-istess lista ma' qaddisin ħafna aktar riċenti bħala ispirazzjoni għaż-żgħażagħ ta' żmienna, speċjalment il-Kattoliċi fil-pajjiżi tal-kontinent Sud-Amerikan.

Hemm talba ħelwa u sabiħa li hi mniżżla taħt it-tagħrif dwaru: "Bl-eżempju tiegħek, ħa nissaħħu fil-fidi u quddiem il-ħerba tal-ħażen, aħna u nistennew il-miġja ta' Kristu. Amen".

Għal din l-esperjenza ta' fidi qawwija f'Rio di Janeiro, mill-Parroċċa ta' San Ġorġ attenda flimkien ma' grupp parrokkjali Skoċċiż iż-żagħżugħ Stefan Scicluna, li kien għal xi snin abbati tal-Bażilika tagħna.



Stefan Scicluna (l-ewwel mil-lemin) f'ritratt mal-grupp Skoċċiż miegħu mar il-Brażil.

## Donazzjonijiet Papali lill-Mużew tal-Bażilika

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 2013, fil-Mużew tal-Bażilika *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*, Mons. Alfred Xuereb, Segretarju Personali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, f'isem il-Papa ppreżenta lil Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu u Kuratur tal-Mużew, is-suttana ffillettata, bil-karlotta u l-faxxa ħamra magħha **[1]**, li l-Kardinal Arġentin Jorge Mario Bergoglio SJ kien libes dak in-nhar tal-Konklavi li fihom ġie elett Papa. Il-Papa ddeċieda li jirregala dan l-ilbies tiegħu lill-Mużew wara konverżazzjoni interessanti li kellu f'April ta' qabel ma' Mons. Xuereb, fejn ċan ta' l-aħħar għarrfu dwar il-mużew il-ġdid fil-Belt Victoria. Il-Papa rregala wkoll lill-mużew mitra bajda li kien jilbes bħala isqof. Dawn l-esebiti ġodda kienu għall-wiri fid-daħla tal-Mużew fl-ewwel jiem wara li saret id-donazzjoni.

Diġà iktar kmieni din is-sena, Mons. Xuereb kien wassal għotjiet tal-Papa lill-Mużew. Fid-9 ta' Marzu hu wassal lill-Mużew karlotta **[2]** li l-Papa Benedittu XVI libes fl-aħħar jum tal-pontifikat tiegħu. Dan wara li fil-15 ta' Frar 2013, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, kien għamel donazzjoni oħra prestiġjuża lill-Mużew meta għadda lill-amministrazzjoni tiegħu l-kopja oriġinali ta' l-ittra li biha Benedittu XVI kien irringrazzjah tal-merħba mogħtija fiż-żjara pastorali f'Malta fl-2010. Magħha, ħalla wkoll lill-Mużew xi kitbiet dwar San Ġorġ bil-kalligrafija tal-mibki l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi **[3]**.


1


2


3

## Professjoni Reliġjuża Temporanja ta' Swor Anita-Jane Cachia FCJ

"Intom don għall-Knisja". Hekk qal l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech lis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù miġbura għall-Professjoni tal-Voti Temporanji ta' Swor Anita-Jane Cachia fi ħdan din il-Kongregazzjoni, li nżammet fil-Bażilika tagħna nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru 2013, fil-Quddiesa tal-11.00am.

Ġemgħa sabiħa ta' sorijiet, familjari u ħbieb inġabru għaċ-ċelebrazzjoni tal-Professjoni Reliġjuża, li fiha Anita-Jane, quddiem is-Superjura Ġenerali Swor Vitaliana Zammit u s-Superjura Provinċjali Swor Josephine Xuereb, wegħdet li tħaddan il-kunsilli evanġeliċi tal-faqar, il-kastità u l-ubbidjenza. L-Isqof Grech qal li b'din l-"iva" tagħha għas-sejħa ta' Ġesù biex tħaddan il-ħajja kkonsagrata skond il-kariżma Franġiskana, din is-soru ġdida qed tfakkar lid-dinja f'dak il-valur li tassew jiswa: il-ħajja ta' dejjem. Aħna l-Insara tal-lum, bħaż-żagħżugħ għani tal-Vanġelu, spiss nadottaw atteġġjament minimalista fejn nikkuntentaw ruħna li nosservaw l-ittra tal-liġi, imma Ġesù qed isejħilna għal wisq iżjed minn hekk.

Anita-Jane twieldet il-Belt Victoria, Għawdex, fil-21 ta' Jannar 1986, il-bint il-kbira ta' Frank u Ġuża Cachia, u hi mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Wara kors ta' sentejn fil-*Foundation in Care* fl-*MCAST*, Malta, hi ħadmet fil-qasam tas-saħħa u bħala *carer* fiċ-*Children's Day-Care Centre* tad-Dar ta' Fra Diegu, il-Ħamrun. Fl-14 ta' Ġunju 2009 hi ssieħbet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, familja reliġjuża li bdiet fir-Rabat fl-1880, imwaqqfa minn Dun Ġużepp Diacono u l-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat. Wara sentejn postulandat, hi bdiet in-novizzjat fis-17 ta' Settembru 2011, dejjem fid-Dar tal-Formazzjoni *Betanja Franġiskana* fl-Imsida. Il-Professjoni Temporanja tfisser li għal dawn il-ħames snin li ġejjin, Sr Anita-Jane se tkompli tiddixxerni s-sejħa tagħha fi ħdan il-kariżma tal-Kongregazzjoni, biex imbagħad, jekk tħoss li din hi s-sejħa ta' Alla għaliha, tkun tista' tersaq għall-Wegħdiet Solenni.

Il-Ġimgħa 23 ta' Settembru, fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Għawdex organizzat Velja ta' talb, kant u esperjenzi bi tħejjija għall-Professjoni Temporanja ta' Anita-Jane.

Il-Parroċċa Ġorġjana tifraħ ma' Sr Anita-Jane, titlob għas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fejn hemm għadd sabiħ minn uliedha, kif ukoll għal aktar vokazzjonijiet femminili minn ġo ħdanha.


**Ritratt:** John Cordina

# Tiftaħ il-Viżta Pastorali fid-Djoċesi ta' Għawdex

## "Hija l-imħabba ta' Kristu li ssuqni biex nidħol għal dan l-impenn", jistqarr l-Isqof Grech




Is-Salib tal-Viżta Pastorali espost fil-Bażilika qrib ta' l-ambone.

Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru 2013, fis-6.00pm, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech mexxa Pontifikal Solenni fil-Katidral ta' l-Assunta, fil-Belt Victoria, li tulha fetaħ uffiċjalment l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu fid-Djoċesi ta' Għawdex. Għall-Quddiesa kien preżenti l-Kulleġġ tal-Kappillani Għawdxin, flimkien ma' għadd ta' lajċi Nsara. Billi l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona kien indispost, attenda f'isem il-Parroċċa Ġorġjana Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali.

Matul il-Viżta, li mistennija tinfirex fuq kważi tliet snin, l-Isqof sa jżur il-ħmistax-il komunità parrokkjali f'Għawdex. Il-Viżta mistennija tagħlaq fil-parroċċi tal-Belt Victoria. Kif stqarr f'Ittra Pastorali maħruġa fil-bidu ta' Ottubru, l-Isqof Grech jixtieq "iħabbat il-bibien" tal-familji Għawdxin biex iduq ftit mill-esperjenza tagħhom tal-ħajja ta' kuljum u bħala Ragħaj iwasslilhom l-imħabba ta' Kristu u jwettaqhom fil-fidi. Barra l-knejjes parrokkjali, iż-żjara hi mifruxa wkoll fuq oqsma oħra tas-soċjetà Għawdxija fejn il-Knisja għandha preżenza importanti permezz tal-ministeru pastorali tagħha. Fil-fatt il-Viżta bdiet fil-ġimgħa stess tal-ftuħ tagħha b'jiem ta' żjarat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Fl-omelija tiegħu, Mons. Grech kompla jfisser l-għan ta' din il-Viżta, li għandha bħala tema tagħha *Niltaqgħu ma' l-Imħabba ta' Alla*. Hu ħa spunt mir-rakkont evanġeliku ta' Żakkew biex semma' kif hu "imperattiv ekkleżjoloġiku" li l-Knisja, bħal Ġesù nnifsu, tfittex lil min qiegħed ifittex u tidħol għandu. "Ukoll jekk tkun ta' skandlu għal xi 'reliġjużi' fi ħdanha, il-Knisja tagħmel sewwa jekk tagħmel lilha nfisha preżenti fil-ħajja ta' persuni li qegħdin fl-iżball u f'dawk l-ambjenti ffrekwentati minn dawn il-persuni", kompla l-Isqof.

Il-Viżta Pastorali għandha tkun mument ta' grazzja li jagħti l-possibbiltà lil kull min jixtieq biex jiltaqa' ma' Ġesù, tenna l-Isqof, li jemmen li hu stess jista' jittieħed mill-fidi u l-imħabba li għandhom lejn Kristu l-Insara Għawdxin li magħhom sa jiltaqa' f'dawn iż-żjajjar. "Hija l-komunità Nisranja nfisha li nħossha qiegħda ssejjaħli biex noħroġ niltaqa' magħha", għalaq Mons. Grech, waqt li ħeġġeġ lill-Insara kollha tad-Djoċesi biex jitolbu għas-suċċess tal-Viżta.

Id-Djoċesi ta' Għawdex twaqqfet mill-Beatu Papa Piju IX f'Settembru 1864, u għalhekk is-sena d-dieħla ħa tkun qed tiċċelebra l-mija u ħamsin anniversarju tagħha. Kien l-ewwel Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Franġisk Buttigieg, li fetaħ l-ewwel Viżta Pastorali fl-1 ta' Novembru 1865. Minn dak in-nhar saru tletin Viżta kanonika oħra minn seba' isqfijiet differenti, b'din ta' l-Isqof Grech tkun il-wieħed u tletin waħda.

Biex jgħinu jikkordina din il-Viżta, l-Isqof ta' Għawdex ħatar *equipe* apposta ta' saċerdoti u lajċi li jiltaqa' regolarment. Is-Segretarju tal-Viżta hu Dun Geoffrey George Attard, mill-Parroċċa tagħna, u bħalissa Vigarju Koperatur fiż-Żebbuġ.

Il-*logo* tal-Viżta, disinn taż-żagħżugħa Cynthia Saliba, ukoll mill-Parroċċa tagħna, juri s-Salib ta' Kristu li, f'forma ta' baklu, iħaddan b'idejh miftuħa l-poplu rrappreżentat fit-tliet għoljiet tal-gżira Għawdxija.

## Dun Feliċ għand il-Papa



Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, f'mawra qasira Ruma bejn id-9 u t-12 ta' Settembru 2013, żar personalment lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku. Flimkien ma' Mons. Jimmy Xerri, saċerdot ieħor mill-Parroċċa tagħna li hu l-Arċipriet tan-Nadur, hu kkonċelebra mal-Papa fil-Kappella tad-Dar Santa Marta nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru. F'laqgħa qasira mal-Papa wara l-Quddiesa, Dun Feliċ qallu li hu ġej mill-istess parroċċa tas-segretarju tiegħu Mons. Alfred Xuereb, u ppreżenta lil-Qdusija Tiegħu kopja tal-ktieb *St George. Gozo's Golden Basilica*, editjat minn Dun Charles Cini SDB u b'ritratti ta' Daniel Cilia.

**Ritratt:** *L'Osservatore Romano*

# Alessandro Farrugia (1791-1871): L-iskultur tal-vara ta' San Mikiel

Dr Eugene F. Montanaro

Għall-okkażjoni tal-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju minn meta l-istatwa artistika u għażiża ta' San Mikiel Arkanġlu, meqjuma fil-Bażilika tagħna, tnaqqxet fl-injam minn Xandru Farrugia, qed inxandru mill-ġdid dan l-istudju interessanti ta' **Dr Eugene F. Montanaro**. Għall-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, ġie rrestawrat sett ta' erba' fjuretti li tqiegħdu fuq kull naħa tal-pedestall ta' l-istatwa.

**Ħjiel bijografiku**

L-iskultur Alessandro Farrugia, bin Giuseppe u Domenica mwielda Abela, twieled iż-Żejtun fit-2 ta' Frar 1791. It-tifkira tal-Magħmudija tiegħu, fir-Reġistru tal-Parroċċa taż-Żejtun, tgħidilna li twieled fid-distrett taż-Żejtun imsejjaħ Casal Pasqualino, u li fil-fonti tawh l-ismijiet ta' Alexander, Annuntiatus, Julianus, u Candelorus.[1] Milli jidher, dawn l-ismijiet ma kinux wisq komuni fil-gżejjer tagħna. Tabilħaqq, Pietru Pawl Castagna jgħarrafna li fost il-poplu, l-iskultur Alessandro Farrugia kien magħruf bil-laqam ta' Mastru Xand.[2] Skond l-istess Castagna, Alessandro Farrugia tgħallem is-sengħa ta' l-iskultura minn għand Mariano Gerada (1766-1823).[3]

Fit-8 ta' Novembru 1814, Alessandro Farrugia żżewweġ lil Marianna mwielda Camilleri, armla minn Giuseppe Zahra.[4] Minnha kellu mill-inqas tlitt itfal: Michele, li twieled fl-24 ta' Settembru 1815; Columba Rosa, li twieldet fis-17 ta' Jannar 1817; u Giovanni, li twieled fl-20 ta' Ottubru 1819. Mir-Reġistri tal-Magħmudija tal-Parroċċa taż-Żejtun nafu li t-tfal ta' Alessandro Farrugia kollha twieldu fid-distrett taż-Żejtun imsejjaħ Casal Bisbut.[5]

Alessandro Farrugia miet fl-4 ta' Diċembru 1871, fl-età ta' tmenin sena. L-indirizz tiegħu fid-data tal-mewt kien Nru 28, Strada Buonconsiglio, iż-Żejtun.[6] Difnuh fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun.[7]

Giovanni Farrugia (1819-1902) bin Alessandro, kien skultur ukoll; dan nafuh mill-kitba ta' Castagna, kif ukoll mill-Att tal-Mewt, fejn hemm miktub b'mod l-aktar ċar li Giovanni kien jeżerċita l-professjoni ta' skultur. L-istess dokument jgħarrafna li Giovanni Farrugia miet fil-11 ta' Frar 1902, fl-indirizz Nru 30, Strada Buonconsiglio, iż-Żejtun.[8]

Milli jidher, kemm Alessandro Farrugia u kemm ibnu Giovanni qatt ma ħarġu jgħixu barra miż-Żejtun.



1

**Il-vara ta' San Mikiel**

Il-vara ta' San Mikiel, meqjuma fil-Bażilika ta' San Ġorġ ta' Għawdex, għaddiet minn ġrajja tassew interessanti. Skond l-istoriku Castagna, din il-vara nħadmet minn Alessandro Farrugia fis-sena 1838,[9] meta għalhekk l-iskultur kellu madwar sebgħa u erbgħin sena. Il-vara ta' San Mikiel, jgħarrafna l-istess Castagna, kienet meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Minn kitbiet oħra, imbagħad, sirna nafu dwar xi ċirkustanzi li wasslu sabiex il-vara li ħadem Alessandro Farrugia tinġarr lejn Għawdex, u fl-aħħar nett issib kenn fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

L-ewwel tagħrif dwar din il-ġrajja ltqajt miegħu f'kitba ta' Carmel Psaila (1891-1955). Psaila, meta fakkar il-vara ta' San Mikiel li Pietro Paolo Azzopardi ħadem għall-Parroċċa ta' Ħal Qormi, kiteb hekk: "Din il-vara saret fis-sena 1865, xogħol ta' l-iskultur Paolo Azzopardi mill-Belt Valletta, imħallsa mill-Fratelli ta' l-istess Kumpanija. Qabel ma saret din il-vara, kien hawn oħra magħmula fis-sena 1847, xogħol ta' l-iskultur Xandru Farrugia miż-Żejtun; kienet imħallsa minn Ġanni Cassar (Ta' l-Għaġin), li din il-ħabta kien Prokuratur, u kien għamel xi opri oħra... u dawn l-opri kollha ħallashom minn flusu, u billi kellu xi jgħid mal-Fratelli ta' l-istess Kumpanija, dan il-Prokuratur qabad kawża għal dawn l-opri li kien ħallas u rebaħ kollox li kien għamel; allura fis ħadhom f'daru. Il-vara ta' San Mikiel wara ftit taż-żmien biegħha għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Għawdex...".[10]

Hawn ta' min jgħid biss li Alessandro Farrugia lesta l-vara ta' San Mikiel fl-1838, u mhux fis-sena 1847.

Aktar tagħrif dwar il-vara ta' San Mikiel li Alessandro Farrugia ħadem b'sengħa kbira fl-injam, nafuh lill-Kanonku Nikol Vella Apap: "L-istatwa artistika ta' San Mikiel... inħadmet mill-iskultur Xandru Farrugia miż-Żejtun fis-sena 1838. Din il-vara ta' l-injam kienet inxtrat minn għand persuna minn Ħal Qormi fis-sena 1866 minn


2


3

Djonisju Tabone [ara ritratt 3] u s-sagristan ta' San Ġorġ, Saver Muscat, bi ħlas ta' mitt skud".[11]

Irrid ngħid ukoll li s-Sur John Bezzina ġentilment għarrafni verbalment li din il-vara ta' San Mikiel kienet meqjuma f'xi knejjes oħra fir-Rabat ta' Għawdex, qabel ma ttieħdet fil-knisja ta' San Ġorġ, fejn saret l-għożża tad-devoti ta' San Mikiel.

Interessanti ħafna wkoll għall-istorja ta' l-arti ta' pajjiżna li din l-istatwa hi waħda ewlenija f'sensiela ta' vari li jirrappreżentaw lil San Mikiel, u li ġew imnaqqxa fl-injam minn skulturi Maltin matul il-medda ta' tliet sekli. Milli jidher, din il-ġrajja bdiet isseħħ wara li fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta ġiet inawgurata statwa ta' l-injam ta' dan il-qaddis, li kienet inħadmet f'Ruma fl-1674, fuq disinn ta' Domenico Guidi.[12] Fl-1732 l-iskultur Belti Ignazio Portelli ntrabat li jnaqqax fl-injam il-vara ta' San Mikiel li l-lum għadha meqjuma fil-knisja ta' San Pawl tar-Rabat ta' Malta.[13] L-iskultur Mariano Gerada ħadem fl-injam l-istatwa ta' San Mikiel ta' Bormla fis-sena 1819.[14] U fis-sena 1865, Pietro Paolo Azzopardi, l-iskultur li ħadem il-vara artistika ta' San Ġorġ ta' Għawdex, lesta l-istatwa ta' San Mikiel għall-knisja ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.[15] Il-vara ta' San Mikiel meqjuma fil-Bażilika ta' San Ġorġ tipparaguna tajjeb ħafna fil-konfront ma' vari oħra ta' dan il-qaddis f'pajjiżna, u tixhed biċ-ċar li Alessandro Farrugia kien kapaċi joħloq figuri skultorji fl-injam ta' ċertu livell artistiku.

Hawn ta' min jgħid illi l-*Library Manuscript 1123*, miżmum fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta, jitkellem dwar il-kwadru ta' San Mikiel li kien pitter ċertu artist Lamagna għall-knisja ta' San Ġorġ ta' Għawdex fis-seklu sbatax.[16] Fl-altar fejn tqiegħed dan il-kwadru kien hemm imwaqqfa l-Fratellanza ta' San Mikiel, Patrun tal-*Bottegari*.[17] Iżda jeħtieġ niftakru dejjem li d-devozzjoni lejn San Mikiel fil-Parroċċa ta' San Ġorġ hi ferm eqdem mill-wasla fil-parroċċa tal-vara li ħadem Alessandro Farrugia.

**Skultur prolifiku**

X'aktarx li Alessandro Farrugia kien l-aktar skultur prolifiku tal-gżejjer tagħna matul is-seklu dsatax. Ħadem xogħol skultorju fil-ġebla Maltija, fl-injam u fil-kartapesta. Ipprattika s-sengħa tan-naqx u għalhekk jista' jissejjaħ fil-veru sens tal-kelma *carver*; iżda kien ukoll mudellatur u ħadem bosta statwi fil-kartapesta. Il-fonti prinċipali tax-xogħlijiet ta' Alessandro Farrugia huma tnejn: 1. il-gazzetti kontemporanji; 2. il-lista ta' l-istatwi li ġabar l-istoriku Castagna.

Jeħtieġ jingħad li f'dan il-qasam, ninsabu neqsin ħafna minn dokumentazzjoni permezz ta' kuntratti notarili. Fuq kollox, f'din il-kitba qasira sejrin insemmu biss xi xogħlijiet ewlenin ta' Alessandro Farrugia.

L-istatwa ta' l-injam tal-Lunzjata, il-vara titulari ta' Ħal Tarxien, dejjem tingħadd fost l-aħjar xogħlijiet ta' Alessandro Farrugia. Dwar din il-vara, E.B. Vella kiteb hekk: "Milli jidher mill-kuntratt magħmul fl-1827 quddiem in-Nutar Feliciano Giardina, din l-istatwa ta' l-injam ħadimha Mastru Xandru Farrugia. L-istatwa ġabuha nhar il-Ħadd ta' qabel il-festa tal-Lunzjata (f'Ħal Tarxien) fl-1829...".[18]

Achille Ferres kiteb dwar vara titulari oħra li ħadem Alessandro Farrugia – dik ta' l-Assunta ta' l-Imqabba: *"Fra gli oggetti di mediocre merito ci piace di accenare la statua portatile dell'Assunta, eseguita da Alessandro Farrugia del Zeitun, nel 1836, sul modello dell'altra di Casal Axiaq – opera di Mariano Gerada"*.[19]

Xieraq li nfakkru wkoll li Alessandro Farrugia ħadem fl-injam il-vara titulari ta' San Pawl ta' Ħal Safi; din il-vara ħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni mat-toroq ta' Ħal Safi fis-sena 1840.

L-iskulturi li ħadmu vari titulari dejjem ġibdu lejhom is-simpatija tal-Maltin u kisbu popolarità kbira, għaliex hemm tendenza li xogħlijiet ta' din ix-xorta dlonk isiru s-simbolu tal-belt jew tar-raħal fejn ikunu meqjuma. Iżda ma rridux ninsew ukoll li Alessandro Farrugia kien imfittex ħafna biex jaħdem fil-ġebla Maltija statwi u niċeċ stradali. Insibu bosta tifkiriet tal-ħidma ta' Farrugia fil-qasam ta' din il-fergħa ta' arti popolari fil-gazzetti kontemporanji. Nagħtu biss żewġ eżempji. Il-gazzetta *Il Trionfo Della Religione*, fil-ħarġa tas-6 ta' April 1843 (p. 56), tgħidilna li fl-1839 Alessandro Farrugia lesta n-niċċa tal-Madonna tal-Konsolazzjoni fil-kantuniera li tagħti għal fuq Strada Reale, fil-Gudja; l-istess gazzetta, fil-ħarġa tas-27 ta' April 1843 (p. 68), tfakkarna li fis-6 ta' Lulju 1834, fil-pjazza ewlenija tal-Gudja, tqiegħdet l-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol ta' Alessandro Farrugia miż-Żejtun.

Fost il-kummissjonijiet ta' Alessandro Farrugia, xieraq li nfakkru wkoll il-vara tal-Kunċizzjoni tal-

Parroċċa tal-Birgu. Tabilħaqq, din il-vara għandha rabta interessanti ma' ġrajja storika li seħħet f'pajjiżna. Il-vara tal-Kunċizzjoni ttieħdet il-Birgu fit-2 ta' Diċembru 1838, u l-inawgurazzjoni tagħha tinsab imfakkra fid-djarju li kiteb Sir Hector Greig dwar iż-żjara li għamlet ir-Reġina Adelaide fil-gżejjer Maltin.[20]

Ta' min isemmi wkoll li skond l-istoriku Castagna, Alessandro Farrugia ħadem fl-injam il-figura ta' Kristu mejjet għall-Monument tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ minn San Ġorġ, Għawdex. Skond Castagna, din il-vara tlestiet minn Alessandro Farrugia fis-sena 1844.[21]

**Riferenzi**

[1] ARKIVJU PARROKKJALI ŻEJTUN, *Liber Bapt.* X, 1787-1797, f. 100. Il-parrini ta' Alessandro fil-Magħmudija kienu Lorenzo Fenech minn Bormla u Caterina, mart Giuseppe Fenech miż-Żejtun.

[2] P.P. CASTAGNA, *Malta bil-Gżejjer Tagħha u Li Għadda Min Għaliha*, III, 1865, p. 107.

[3] *Ibid.*

[4] ARKIVJU PARROKKJALI ŻEJTUN, *Liber Matr.* IX, 1806-1822, f. 158.

[5] Ara ARKIVJU PARROKKJALI ŻEJTUN, *Liber Bapt.*, 1808-1818, f. 215 u f. 253, kif ukoll *Liber Bapt.*, 1818-1822, f. 27.

[6] PUBLIC REGISTRY VALLETTA, *Att tal-Mewt No. 3894 ta' l-1871.* F'dan id-dokument il-kunjom ta' xbubit omm Alessandro Farrugia nsibuh imniżżel Formosa. Dan aktarx sar bi żball għaliex fir-Reġistri tal-Parroċċa taż-Żejtun il-kunjom tan-nannu matern ta' Alessandro Farrugia dejjem insibuh Abela.

[7] *Ibid.*

[8] PUBLIC REGISTRY VALLETTA, *Att tal-Mewt No. 529 ta' l-1902.*

[9] P.P. CASTAGNA, *Malta bil-Gżejjer Tagħha*, p. 108.

[10] C. PSAILA, *Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi bil-Ġrajja Tagħha*, Malta 1937, p. 102. Ħajr lil Joseph F. Grima għal din ir-referenza.

[11] NIKOL VELLA APAP, *Il-Ġrajja tal-Fratellanzi tal-Bażilika ta' San Ġorġ bl-Artali Tagħhom*, f'*Bażilika ta' San Ġorġ Martri: Ħidma – Storja – Tagħrif*, Għawdex 1975, p. 12.

[12] Ara MICHAEL GALEA, *Il-Knisja Parrokkjali ta' S. Pawl Nawfragu Valletta*, Malta 1974, p. 41.

[13] ARKIVJU NOTARILI VALLETTA, *Atti Nutar Ignazio Debono*, 2 ta' Marzu, 1732, 31/762, ff. 128-129. Fil-kuntratt ippubblikat min-Nutar Ignazio Debono, l-iskultur Ignazio Portelli ntrabat li jieħu bħala mudell il-vara ta' San Mikiel meqjuma fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Tagħrif u riferenza ta' dan il-kuntratt ġentilment mogħtija mill-Kan. Ġwann Azzopardi, Kuratur tal-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina.

[14] Ara E.F. MONTANARO, *Mariano Gerada: The People's Sculptor*, f'*The Sunday Times (Malta)*, 25 August 1985, p. 20.

[15] Ara *Ibid*, *Pietro Paolo Azzopardi: A Forgotten Sculptor (1791-1875)*, f'*Proceedings of History Week 1981*, (ed. Mario Buhagiar), The Historical Society, Malta 1982, p. 74.

[16] Il-Konti Saverio Marchese kkopja dan il-manuskritt, b'xi żidiet, minn fuq l-oriġinal miktub minn Patri Pelagio, Kapuċċin (1708-1781). Skond dan il-manuskritt, dan il-pittur kien neputi ta' Dun Pawl Lamagna, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Għawdex. Dwar il-Kappillan Lamagna, ara JOHN BEZZINA, *L-Aħħar Kappillan ta' San Ġorġ, il-Kan. Dun Pawl Lamagna, Bormliż (1673-1689)*, f'*L-Orizzont*, 31 ta' Mejju 1986, p. 12.

[17] Dwar il-Fratellanza ta' San Mikiel, ara NIKOL VELLA APAP, *Il-Ġrajja tal-Fratellanzi tal-Bażilika ta' San Ġorġ*, p. 11. Dwar l-Altar ta' San Mikiel, ara JOHN BEZZINA, *Il-Pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, Malta 1965, p. 21.

[18] E.B. VELLA, *Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid*, Malta 1931, pp. 219-220. X'aktarx li din is-silta fiha żball ta' l-istampa fejn jingħad li l-kuntratt tan-Nutar Giardina ġie ppubblikat fl-1827. Feliciano Giardina beda jeżerċita l-professjoni ta' nutar fl-1831; ara ANTHONY ATTARD, *Index of Notaries* (1465-1894), Malta 1979, p. 21. Castagna jgħid li Alessandro Farrugia lesta l-vara tal-Lunzjata fl-1829, u f'dan il-każ ma jidhirx li nistgħu niddubitaw mill-kitba ta' awtur kontemporanju ta' Farrugia. Madankollu, ikolli nistqarr li għadni ma ltqajtx mal-kuntratt għall-kummissjoni tal-vara tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien.

[19] ACHILLE FERRES, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, p. 454. Ara JOSEPH MICALLEF, *L-Istorja ta' Ħal Safi*, Malta 1980, pp. 74-75.

[20] Ara ANTON ZAMMIT GABARETTA, *The Church of the Grand Masters and Inquisitors*, Malta 1974, pp. 50-51. Ara wkoll *Scientia*, Vol. XXIX, No. 3, Lulju-Settembru 1963, pp. 107-108.

[21] P.P. CASTAGNA, *Malta bil-Gżejjer Tagħha*, p. 108. Madankollu, għandna ħjiel li sa mis-sena 1809, fil-knisja ta' San Ġorġ kienet diġà tinżamm l-istatwa ta' Kristu mejjet. Fl-inventarju tal-Fratellanza ta' Ġesù u Marija, magħmul fl-1809, naraw dan li ġej: *"Una cassa dorata del Monumento con matarazzo e cuscino di damasco, portiere... e frangia d'oro, un lenzuolo ricamato, colsuo pedestallo, e due aste"*; ara ARKIVJU TA' L-ARĊISQOF, FLORIANA, *V.P.* 1809 (Mons. Ferdinando Mattei, 47), f. 118r. Hawn tabilħaqq statwa ma tissemmiex, għalkemm wieħed ma jistax jimmaġina Monument bla statwa. X'aktarx li fl-1844 reġgħet saret l-istatwa ta' Kristu mejjet mill-ġdid għand Alessandro Farrugia.


4

*Dan l-artiklu deher oriġinarjament fil-*Programm Festi San Ġorġ, Għawdex 1986 *maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika* La Stella *tal-Belt Victoria, pp. 19-25.*

**Ritratti:**

1 L-istatwa ta' San Mikiel armata fil-Bażilika, bil-fjuretti rrestawrati, għall-festa tiegħu f'Settembru 2013.

2 L-istatwa ta' San Mikiel qabel ir-restawr tas-snin disgħin, meta kienet għadha tintrama f'niċċa fil-Bażilika fejn il-lum jinżamm l-Irxoxt [ritratt: George Borg].

3 Djonisju Tabone, wieħed mit-tnejn li xtraw l-istatwa ta' San Mikiel għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, waqt il-ħruġ ta' Purċissjoni antika ta' San Ġorġ [ritratt: Arkivju Bażilika San Ġorġ].

4 L-istatwa ta' San Mikiel fil-knisja arċimatriċi ta' Ħal Qormi [ritratt: Clayton Grech].





# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

April - Diċembru 2013

*Andrew Formosa*

andrew.formosa@gmail.com

**» 1 ta' April**
Saret ħarġa ta' l-Għid f'Malta għall-Abbatini.

**» 3 ta' April**
Saret ħarġa ta' l-Għid f'Malta għaż-żewġ Gruppi ta' l-Adolexxenti.

**» 4 ta' April**
**07.30pm:** Inżamm fil-Bażilika kunċert fuq l-orgni u korali mit-*Thüringen Orgelsommer* (il-Ġermanja), taħt id-direzzjoni ta' Gottfried Preller.

**» 18 ta' April**
**04.30pm:** Fl-aħħar laqgħa għall-kandidati tas-sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, fis-Sala Parrokkjali, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, iltaqa' mat-tfal u l-ġenituri.



**» 19 ta' April**
**Fil-għaxija:** Fil-knisja ta' Savina nżammet Serata Mużiko-Letterarja taħt il-patroċinju ta' l-Isqof Mario Grech, b'tifkira tal-mitt sena mill-innu Ewkaristiku ta' Dun Karm *T'Adoriam, Ostia Divina*. Kanta innijiet reliġjużi l-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.

**» 19-21 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Giovanni Bosco Cremona mexxa l-Quddies Solenni tat-Tridu ta' San Ġorġ u għamel l-omelija. Wara saru l-kant ta' l-Innu, il-Kurunella, il-Litanija u l-Barka Ewkaristika.

**» 21 ta' April**
**05.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa fil-knisja ta' l-adorazzjoni perpetwa ta' Savina, bis-sehem tat-tfal tal-Parroċċa li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina, akkumpanjati mill-ġenituri u l-katekisti tagħhom.

**» 22 ta' April**
**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Ewwel Għasar Pontifikali tas-Solennità Liturġika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**08.00pm:** L-Isqof Grech mexxa l-Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ, li minħabba x-xita nżammet fil-Bażilika flok fi Pjazza San Ġorġ. It-tema kienet l- stqarrija tal-Fidi. Ħa sehem il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.

**» 23 ta' April**
**08.30am:** Il-Kapitlu Ġorġjan kanta t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.
**06.30pm:** Mons. Giovanni Bosco Cremona mexxa t-Tieni Għasar Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**07.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum San Ġorġ, li fi tmiemu, Mons. Anton Gauci għamel donazzjoni ta' karlotta u ritratt tal-Venerabbli Papa Piju XII, fundatur tal-Bażilika Ġorġjana.

**» 28 ta' April**
**11.00am:** L-Isqof Mario Grech mexxa Pontifikal Solenni li fih amministra l-Ewwel Tqarbina lil sitta u tletin tifel u tifla.

**» 1 ta' Mejju**
**09.00am:** Inżamm seminar għall-kreżimandi flimkien mal-ġenituri tagħhom fid-Dar *Stella Maris* tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, ż-Żebbuġ.

**» 3 ta' Mejju**
**09.00am:** Fetħu l-festi tal-Kwaranturi Mqaddsa b'Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. L-espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament inżammet bejn il-Quddies u wara nofs in-nhar. Il-Ġimgħa u s-Sibt fil-għaxija nżammu Għasar fis-6.30pm u Konċelebrazzjoni Konventwali fis-7.00pm bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**» 4 ta' Mejju**
**08.00pm:** Dun Injazju Borg, Kappillan ta' San Lawrenz, mexxa fil-Bażilika Velja Djoċesana bi tħejjija għall-Konsagrazzjoni fl-Ordni tal-Verġni, li kellha tinżamm il-Katidral ta' Għawdex tmint ijiem wara.

**» 5 ta' Mejju**
**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fi tmiem il-Kwaranturi Mqaddsa. Eżatt wara, saret Purċissjoni Ewkaristika mmexxija minn Mons. Isqof tul it-toroq tal-Belt Victoria bis-sehem tal-Kapitlu, il-kleru sekulari u reliġjuż, is-seminaristi, il-fratellanzi, it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.

**» 6 ta' Mejju**
**09.00am:** Saret Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa tad-Dedikazzjoni tal-knisja ta' San Ġwann *ante portam latinam* f'Ruma.

**» 11 ta' Mejju**
**07.45pm:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* ta l-kunċert ta' mużika sagra *Cantica Sacra* bħala parti mill-attivitajiet tan-*Notte Gozitana – Lejlet Lapsi 2013*.

**» 12 ta' Mejju**
**08.00pm:** L-Orkestra Nazzjonali taż-Żgħażagħ tellgħet *Community Concert* fil-Bażilika, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, bħala għeluq ta' l-attivitajiet tan-*Notte Gozitana*.

**» 16 ta' Mejju**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fl-ewwel mid-disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ. Il-Quddies tal-Ħamisijiet, li tmexxew mill-Kan. Ġwann Sultana, kienu mmirati l-aktar għat-tfal u l-familja, u twassal tagħlim fuq San Ġorġ, anki permezz ta' *stickers* u materjal stampat.

**» 17 ta' Mejju**

**06.00pm:** It-tmienja u għoxrin kandidat/a għall-Griżma ta' l-Isqof mill-Parroċċa ta' San Ġorġ ingħaqdu mal-bqija tal-kreżimandi mill-parroċċi kollha ta' Għawdex fil-Pjazza tas-Santwarju Ta' Pinu għaċ-ċelebrazzjoni djoċesana tal-Griżma ta' l-Isqof fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi. Flimkien ma' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ikkonċelebraw Mons. Aldo Cavalli, Nunzju Appostoliku ġdid għal Malta; Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof Metropolita ta' Malta; Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju ta' Malta; u Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta. It-tfal ta' San Ġorġ irċivew il-Griżma minn idejn l-Isqof Djoċesan.

**» 18 ta' Mejju**

**08.00pm:** Inżamm kunċert ta' mużika Barokka Ingliża u Taljana tas-seklu sbatax mill-*RBS Chorus*, taħt id-direzzjoni ta' Deborah Roberts.

**» 25 ta' Mejju**

**Fil-għodu:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* anima l-Quddiesa li saret fis-Santwarju Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-Pellegrinaġġ Annwali tal-Morda organizzat mill-Ordni Sovran ta' Malta. Il-Quddiesa tmexxiet mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li wara ġie konferit bl-insinja *Gran Croce* mill-President ta' l-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni, l-E.T. Dr Philip Farrugia Randon, u l-Kanċillier in-Nobbli Daniel de Petri Testaferrata.

**06.00pm:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* anima l-Quddiesa ta' l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Dun Gabriel Gauci, mill-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir u l-Madonna tas-Sokkors f'Ta' Kerċem, fil-Katidral ta' Għawdex.

**» 27 ta' Mejju**

**07.30pm:** Inżamm fil-Bażilika kunċert ta' motetti sagri minn *The Orlando Singers*, taħt id-direzzjoni ta' David Everet.

**» 31 ta' Mejju**

**10.30am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona ta l-Barka Ewkaristika lill-istudenti ta' l-Iskola Primarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex tal-Belt Victoria hekk kif daħlu fil-Bażilika fi tmiem purċissjoni Ewkaristika li telqet mill-Katidral, fl-okkażjoni tal-Jum Ewkaristiku fl-istess skola.



**» 2 ta' Ġunju**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddsa tal-Mulej, u eżatt wara mexxa Purċissjoni bis-Sagrament sa Pjazza Indipendenza.

**5.00pm:** Il-Parroċċa ngħaqdet b'mod dirett u awdjo-viżiv mal-Vatikan għal Adorazzjoni Ewkaristika Universali mmexxija mill-Papa Franġisku, fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi.

**» 4-9 ta' Ġunju**

L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Pelleġrinaġġ Parrokkjali lejn il-bliet ta' Ruma u Assisi. Mal-grupp kien hemm ukoll l-Arċipriet Dun Tarċis Camilleri u membri mill-Parroċċa ta' Santa Margerita ta' Antjokja, Ta' Sannat.

**» 12 ta' Ġunju**

**08.00pm**: Ingħata bidu għas-Sbatax-il Edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* b'Kunċert Inawgurali mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, Direttur Artistiku tal-Festival. Il-kunċerti baqgħu jittellgħu kważi kuljum, fil-Bażilika, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* u fi swali oħra, sat-Tnejn 15 ta' Lulju.

**» 19 ta' Ġunju**

**07.15pm:** Inżamm Pelleġrinaġġ Parrokkjali għas-Santwarju Ta' Pinu bħala parti minn attività tas-Sena tal-Fidi mmexxija minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

**» 2 ta' Lulju**

**06.00pm:** Mons. Emanuel Curmi, Direttur ta' Dar Arka, mexxa Quddiesa Kantata li fiha kienu mistiedna b'mod speċjali l-persuni b'diżabbiltà residenti fid-Dar. Wara, saritilhom ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 6 ta' Lulju**

**07.00pm:** Bdiet in-Novena għat-Tfal u l-Familja bit-tema *Ma' San Ġorġ niskopru l-ġmiel tal-fidi tagħna*, li tmexxiet mill-Kan. Tonio Galea. Id-disat ijiem tan-Novena kienu jinkludu riflessjonijiet, ġesti u mimi marbuta mat-tema.

**» 11 ta' Lulju**

**10.30am:** Dun Gabriel Gauci, saċerdot novell, mexxa Quddiesa għall-anzjani u l-morda bis-sehem tal-membri u l-voluntiera ta' l-Ordni Sovran, Militari u Ospidalier ta' San Ġwann ta' Malta, fejn ġie amministrat ukoll is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara saret Tombla *Get-Together* fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 14 ta' Lulju**

**10.00am:** Dun Anton Teuma mexxa Quddiesa għall-koppji għarajjes.



**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cadona mexxa Quddiesa ta' l-għeluq tan-Novena ta' San Ġorġ. Wara l-Quddiesa, saret drama u preżentazzjoni dwar San Ġorġ u l-Fidi li spiċċat bid-dħul ta' l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ fil-Bażilika. Wara, inżamm festin kbir fi Pjazza San Ġorġ.

**» 15 ta' Lulju**

**08.00pm:** Ġie fi tmiemu l-*Victoria International Arts Festival* b'Kunċert Sinfoniku u Korali bis-sehem ta' l-Orkestra Filarmonika ta' Malta u l-Kor *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella.

**» 16 ta' Lulju**

**05.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.

**08.00pm:** Sar il-ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ.

**09.15pm:** Id-djaknu Daniel J. Sultana, mill-Parroċċa tax-Xagħra, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana, organizzata għaż-żgħażagħ mill-Grupp *23four*>>, bit-tema "Pinġi lil Kristu bil-kuluri li tak! *De militia translatus in militiam*".

**» 17-19 ta' Lulju**

**06.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippreseduti minn Mons. George Grima, Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, u l-Kan. Ġużeppi A. Borg, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru minn Dun Roberto Gauci, Ċerimonier ta' l-Isqof Djoċesan. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-Ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Kan. On. Karm Curmi, il-Kan. Emanuel Buttigieg u l-Kan. George DeBrincat, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-Bażilika.



**» 18-19 ta' Lulju**

**09.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni ta' l-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier, u Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, rispettivament.

**» 14 ta' Lulju**

**10.00am:** L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant solenni tat-*Te Deum*.

**06.30pm:** Wara li ġie akkumpanjat mill-Kapitlu Ġorġjan u l-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Kurja Veskovili lejn il-Bażilika, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni ta' l-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ.



**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

**» 21 ta' Lulju**

**08.00am:** Il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan akkumpanjaw lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mill-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika sal-Bażilika Ġorġjana, fejn sar il-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.

**08.30am:** L-Isqof Grech, assistit mill-Beatitudni Tiegħu Mor Ignatius Youssef III Younan, Patrijarka tal-Knisja Kattolika Sirjana ta' Antjokja, mistieden speċjali għal dawn il-festi, minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Lateranensi u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal tal-Festa,

li fih niseġ ukoll l-omelija Dr George Abela, President ta' Malta, mexxa l-miġemgħa għall-aħħar darba; f'din l-okkażjoni, l-Arċipriet ippreżentalu kopja tal-kwadru titulari bħala rikonoxximent tal-preżenza tiegħu. Il-ġabra li saret fil-Pontifikal marret b'riżq il-missjoni ta' l-Insara fis-Sirja.

**05.00pm:** Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Katidral, mexxa l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru

**07.30pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni Pontifikali bl-istatwa ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara bdiet ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali mmexxija mill-Beatitudni Tiegħu Mor Ignatius Youssef III Younan, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella*, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika.

**10.30pm:** L-Arċipriet Cardona mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant ta' l-Antifona u l-Barka Ewkaristika. Fit-tmiem ta' kollox, l-Arċipriet ħabbar ċelebrazzjonijiet kbar għas-sena 2014 fl-okkażjoni tal-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju mill-miġja ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ.

**» 4 ta' Awwissu**

**9.00am:** Ġiet organizzata dawra bid-dgħajsa madwar il-kosta ta' Kemmuna u Għawdex fejn attendew b'mod partikulari t-tfal u l-adolexxenti.

**» 5 ta'Awwissu**

**08.00pm:** Saret ikla għall-abbatini f'Marsalforn b'ringrazzjament għas-servizz li taw tul il-Festa.

**» 6 ta' Awwissu**

**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità Lateranensi tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

**» 7-13 ta' Awwissu**

Inżamm il-Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes, immexxi mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.

**» 9 ta' Awwissu**

**08.30pm:** Sar fuq il-bejt tad-Dar Parrokkjali barbikju ta' *fundraising* b'riżq il-ħidma li ssir fil-qasam tal-pastorali mat-tfal u l-adolexxenti.

**» 18 ta' Awwissu**

Mal-bulettin parrokkjali tqassmu formli biex jimtlew minn kull familja bħala parti mill-kampanja Ewropea *One of Us* favur il-ħarsien tal-ħajja fil-kontinent Ewropew. Il-Papa Franġisku nnifsu ħeġġeġ lill-Kattoliċi madwar il-globu biex jissieħbu f'din il-kampanja u jidħlu jiffirmaw il-petizzjoni, inizjattiva rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea. Il-firem baqgħu jinġabru sa l-1 ta' Novembru biex jintlaħaq in-numru ta' miljun isem ta' ċittadini mill-Unjoni Ewropea li jappoġġjaw it-tmiem ta' l-iffinanzjar mill-Unjoni Ewropea ta' attivitajiet li b'xi mod jiffavorixxu l-qerda ta' l-embriju uman, b'mod partikulari fl-oqsma tar-riċerka u s-saħħa pubblika. Biex tagħmilha iżjed faċli lil dawk il-parruċċani li m'għandhomx aċċess għall-internet, kif għamlu parroċċi oħra Għawdxin, anki l-Parroċċa tagħna qassmet dawn il-formli biex jistgħu jimtlew bl-idejn u mbagħad eventwalment l-informazzjoni ġiet imdaħħla fuq l-internet minn voluntiera. Il-formli setgħu jintefgħu f'kaxxa fuq l-Altar ta' San Mikiel.




**» 21 ta' Awwissu**

**07.00pm:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-knisja arċipretali taż-Żebbuġ, fl-ewwel jum tat-Tridu ta' l-Assunta, fl-okkażjoni ta' l-anniversarju tat-tliet mija u ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tal-Parroċċa taż-Żebbuġ u l-mija u ħamsin sena mill-miġja ta' l-istatwa titulari.

**» 25-27 ta' Awwissu**

Inżamm *Live-In* għall-abbatini fid-Dar *Rivororto* f'Birkirkara.

**» 6 ta' Awwissu**

**06.00pm:** Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-ħamsa u ħamsin anniversarju ta' l-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ.

**» 7 ta' Settembru**

**07.30pm-12.00am:** Inżammet Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet immexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona fejn, kif mitlub mill-Papa Franġisku, sar talb u ngħad ir-Rużarju għall-paċi fis-Sirja. Dan sar fl-istess ħin li l-Papa kien qed imexxi Velja Ewkaristika għall-istess għan.

**» 14 ta' Settembru**

**07.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, u l-membri tal-Fratellenza tas-Santissmu Kurċifiss, fil-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

**» 15 ta' Settembru**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, mexxa Pontifikal Solenni li fih Anita-Jane Cachia, mill-Parroċċa tagħna, għamlet il-Professjoni Temporanja tagħha fi ħdan il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu. Għall-okkażjoni kienu preżenti għadd ta' sorijiet minn Malta u Għawdex.



» **19 ta' Settembru**
**08.00pm:** Il-Grupp ta' l-Adolexxenti organizza Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona fil-knisja ta' Sant'Anton Abbati, ix-Xagħra, u wara ikla fir-Ristorant *Qbajjar*, Marsalforn, b'ringrazzjament lis-seminarista Mario Curmi fi tmiem il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa, terminu li, eventwalment, ġie mġedded għal sena oħra.
» **21 ta' Settembru**
**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-258 anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ.
» **26 ta' Settembru**
**07.20-09.00pm:** Wara l-waqfa tas-Sajf, reġgħet bdiet tinżamm l-Adorazzjoni fis-skiet fil-Bażilika.
» **25 ta' Settembru**
**Fil-għaxija:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* ħa sehem fil-festa tal-Bambin ta' Praga organizzata mill-Ordni ta' Malta fil-Belt Valletta.
» **26-28 ta' Settembru**
**06.00pm:** Saru tlett ijiem ta' Tridu Solenni bi tħejjija għall-festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu, bil-Quddies u l-omelija minn Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu. Għall-Festa nħarġet l-istatwa ta' San Mikiel fil-Bażilika, li għall-okkażjoni ġiet imżejna b'erba' fjuretti ġodda.
» **28 ta' Settembru**
**08.00pm:** Ittella' kunċert fuq il-vjolin, baxx u pjanu miċ-*Cincievski Trio*, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.
**Fil-għaxija:** Fil-Quddies tas-Sibt fil-għaxija u l-Ħadd sar ġbir għal-*Little Sisters of the Poor*, li ammonta għal €2,175.
» **29 ta' Settembru**
**09.45am:** Reġgħu bdew il-laqgħat tal-Mixja ta' Tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani u għall-Ħajja tal-Familja. Dawn komplew kull ħmistax fil-Sala Parrokkjali, immexxija minn Dun Anton Teuma bl-għajnuna ta' xi koppji animaturi.
**11.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa li fiha fetaħ is-Sena Pastorali 2013-2014. Għaliha attendew diversi katekisti u operaturi pastorali tal-Parroċċa, fejn ingħataw ukoll il-Mandat.
» **30 ta' Settembru**
**07.30pm:** Reġgħet bdiet issir il-laqgħa tal-*Lectio Divina* kull nhar ta' Tnejn fiċ-Ċentru Parrokkjali.
» **03 ta' Ottubru**
**04.30pm/5.30pm:** Bdew il-laqgħat ta' formazzjoni għall-kandidati ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, rispettivament. Dawn baqgħu jsiru b'mod regolari fiċ-Ċentru Parrokkjali matul is-sena, b'laqgħat kull xahar għall-ġenituri wkoll.
» **04 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Dun Anthony Bajada mexxa Quddiesa fis-Sala Parrokkjali għall-membri tal-Gruppi ta' l-Adolexxenti u l-ġenituri tagħhom.
» **6 ta' Ottubru**
**10.00am:** Reġgħet bdiet issir il-Quddiesa tat-Tfal u għall-Familja wara l-waqfa tas-Sajf.
**9-11 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Patri Raymond Gatt OP mexxa Quddiesa Kantata bl-omelija bħala parti mit-Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima.
» **10 ta' Ottubru**
**06.30pm:** Inżammet laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, fid-Dar Parrokkjali.
» **11 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Fetħet fil-Katidral l-ewwel Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mario Grech. F'isem il-Parroċċa ta' San Ġorġ kien preżenti Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali.
» **12 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Patri Raymond Gatt OP mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima. Wara hu mexxa purċissjoni *aux flambeaux* bl-istatwa tagħha madwar it-toroq tal-Bażilika.
» **19 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Bdew għall-ewwel darba l-lezzjonijiet tat-tagħlim tal-kitarra lit-tfal minn Monica Marie Parnis.
**07.30pm:** Bdew il-laqgħat għall-Grupp ta' l-Adolexxenti Żgħar (Forms 2-4) fiċ-Ċentru Parrokkjali, li baqgħu jinżammu kull ħmistax. Il-laqgħat tmexxew mis-seminarista Mario Curmi, bl-għajnuna ta' l-animaturi.
» **25 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Bdew il-laqgħat għall-Grupp ta' l-Adolexxenti l-Kbar (Forms 5+) fiċ-Ċentru Parrokkjali, li baqgħu jinżammu kull ħmistax.
» **29 ta' Ottubru**
Wara xhur ta' xogħol u bdil ta' wajers, bdiet topera s-sistema l-ġdida ta' l-awdjo stallata fl-aħħar ġimgħat fil-Bażilika.
» **1 ta' Novembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità tal-Qaddisin Kollha.
» **2 ta' Novembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fit-tifkira solenni tal-Mejtin Kollha. Wara hu bierek l-oqbra taħt il-paviment tal-Bażilika.
» **9 ta' Novembru**
**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fl-anniversarju tad-Dedikazzjoni ta' l-Arċibażilika ta' San Ġwann Lateran.
**12.30pm:** Vjaġġ artistiku max-xogħlijiet ta' Mattia Preti f'Għawdex, immexxi mis-Sur Mark Sagona u organizzat mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella* bħala parti mill-Festival Mediterranea, intemm fil-Bażilika.
» **15 ta' Novembru**
**08.30pm:** Dun Richard N. Farrugia mexxa Quddiesa għall-Grupp ta' l-Adolexxenti fis-Santwarju ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Qala.
» **17 ta' Novembru**
**09.00am:** Saret Konċelebrazzjoni Konventwali fil-festa parrokkjali ta' San Klement u San Paċifiku Martri. Għal din il-festa, il-korp sant ta San Klement kien espost fuq l-Altar ta' l-Erwieħ.
**11.00am:** Mons. Ġuzeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu u Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, mexxa Quddiesa b'suffraġju tal-membri u benefatturi mejtin tas-Soċjetà.
**02.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija tar-Rabat u wara bierek ta' l-oqbra tal-Parroċċa.

**» 22 ta' Novembru**
**08.00pm:** Inżammet fil-Bażilika s-serata *Remembering Preti* organizzata mill-Kunsill tal-Kultura u l-Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex jitfakkar ir-raba' ċentinarju mit-twelid ta' l-artist Mattia Preti, bis-sehem tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u xi kelliema. Ġew ippreżentati żewġ inċiżjonijiet maħruġa mill-Fondazzjoni Belt Victoria: waħda ta' l-altar titulari ta' San Ġorġ u l-oħra ta' dak ta' l-Ewrieħ, it-tnejn bi kwadri tal-Preti.
**» 30 ta' Novembru – 1 ta' Diċembru**
Inżamm *Live-in* għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti Żgħar, f'Marsalforn.



**» 1 ta' Diċembru**
**04.30pm:** Tkanta l-Għasar Solenni mill-Kapitlu u l-kleru, kif baqa' jsir fil-Ħdud ta' l-Avvent.
**» 4 ta' Diċembru**
**05.15pm:** Inżammet Ċelebrazzjoni ta' l-Avvent għat-Tfal, fis-Sala Parrokkjali.
**» 6-7 ta' Diċembru**
Inżamm *Live-In* għall-Grupp ta' l-Adolexxenti Kbar, f'Marsalforn.
**» 8 ta' Diċembru**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u fit-tmienja u tletin anniversarju ta' l-għoti tat-titlu ta' Kolleġġjata lill-Bażilika Ġorġjana.
**» 15-23 ta' Diċembru**
**06.00pm:** Fetħet in-Novena tal-Milied għat-Tfal u l-Familja, bit-tema *Il-Verb sar bniedem u għammar fostna*, immexxija minn Patri Mark Demanuele MSSP, Superjur tad-Dar *Stella Maris*. In-Novena inkludiet il-kant tal-*Alma Redemptoris Mater* minn Martina Galea, il-Barka Ewkaristika u għotjiet lit-tfal kollha li attendew.
**» 16-24 ta' Diċembru**
**09.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa n-Novena għal kulħadd.
**» 22 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Dun Giovanni M. Curmi mexxa Quddiesa f'għar fix-Xagħra għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti. Wara, inżammet ikla tal-Milied f'ristorant f'Marsalforn.
**» 23 ta' Diċembru**
**06.00pm:** Ġiet fi tmiemha n-Novena tal-Milied għat-Tfal u l-Familji b'Ċelebrazzjoni Speċjali ta' l-Għeluq li inkludiet kant, mużika u drama. Fil-Quddiesa, immexxija mill-Arċipriet Cardona, saret il-Vestizzjoni ta' l-abbati Gianfranco Gatt Ellis. F'din l-okkażjoni, kanta uffiċjalment għall-ewwel darba u tbierku l-uniformijiet ġodda tal-Kor tat-Tfal tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, magħmmed bl-isem *Piccole Stelle*, taħt id-direzzjoni ta' Mariella Spiteri Cefai. Wara, inżamm festin kbir fis-Sala Parrokkjali.
**» 24 ta' Diċembru**
**04.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Ewwel Għasar tat-Twelid ta' Sidna mill-Kapitlu Ġorġjan.
**11.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-Liturġija Solenni ta' l-Uffiċċju tal-Qari, bil-Priedka Tradizzjonali tat-Tfajjel minn Nicholas Vella, abbati tal-Bażilika. Wara, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni tal-Lejl tal-Milied, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**» 25 ta' Diċembru**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.
**» 27 ta' Diċembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità Lateranensi ta' San Ġwann Evanġelista.
**07.00pm:** Inżamm fiċ-Ċentru Parrokkjali r-Riċeviment Annwali għall-Kollaboraturi u l-Benefatturi tal-Parroċċa.



**» 31 ta' Diċembru**
**09.00am:** Wara l-Quddiesa, beda nofs ta' nhar ta' espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament f'kontinwazzjoni mal-Quddies.
**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li ntemm bil-kant tat-*Te Deum*, b'radd il-ħajr fi tmiem is-sena.
**08.00pm:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, mexxa siegħa ta' adorazzjoni u talb fil-Bażilika f'għeluq is-sena 2013.

Il-grupp ta' kreżimandi mill-Parroċċa ta' San Ġorġ flimkien ma' l-Isqfijiet konsagranti u l-katekisti fiċ-ċelebrazzjoni djoċesana tal-Konfirmazzjoni

Ritratt: *Scerri Photo Studios*





Fil-11 ta' Ġunju 2013, Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, kellu laqgħa qasira mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku fid-Dar ta' Santa Marta, il-Vatikan. Dan wara li kkonċelebra miegħu fil-Quddiesa ta' Fil-għodu fil-Kappella ta' l-istess residenza tal-Papa. Sadattant, is-Sibt 25 ta' Mejju, ikkonċelebraw mal-Papa, Dun Simon Mario Cachia u Dun Richard Nazzareno Farrugia, residenti fil-Parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Artjokja fuq Via Appa Nuova. Wara kellhom ix-xorti li jieħdu l-kollazjon mal-Papa, fejn Dun Simon qal lill-Papa: "Santità, aħna għandna ħaġa komuni bejnietna: San Ġorġ... hu l-Qaddis Patrun tal-parroċċa u d-djoċesi tiegħi u tas-segretarju personali tiegħek", kumment li għalih Franġisku tbissem u wieġeb b'osservazzjonijiet dwar l-importanza ta' San Ġorġ fit-Tradizzjoni tal-Knisja. Insemmu wkoll li Ġorġ Pisani, wieħed mill-abbatini tal-Bażilika, fl-1 ta' Lulju 2013 kellu x-xorti sabiħa li jgħin il-Quddiesa tal-Papa fil-Kappella ta' Santa Marta, waqt li l-kuġina tiegħu Victoria Camilleri tqarbnet bil-libsa tal-Preċett minn idejn il-Qdusija Tiegħu.

Ritratt: *L'Osservatore Romano*

Ċelebrazzjoni speċjali fl-għeluq tan-Novena tal-Milied għat-Tfal u l-Familja, bit-tema *Il-Verb sar bniedem u għammar fostna.*

Ritratt: *Mario Casha*

